**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` April 2016**

**Kawza Nru. 3**
**Citaz. Nru. 225/89 JZM**

**Andrew u Maria mizzewgin Brincat**

***kontra***

**(1) Tabib Ewlieni tal-Gvern u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2013 gie korrett ghal Tabib Principali tal-Gvern, u b`digriet tad-29 ta` Settembru 2015 gie jaqra "Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha, gja` t-Tabib Principali tal-Gvern" ;**

**(2) Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, u b`digriet tad-29 ta` Settembru 2015 gie jaqra "Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei, gja` s-Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa" ;**

**(3) Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u b`digriet tad-29 ta` Settembru 2015 gie jaqra "Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha, gja` l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali" ;**

**(4) Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha ;**

**(5) Onorevoli Tabib Vincent Moran li kien Ministru tas-Sahha ;**

**(6) Tabib Alfred Grech li kien Tabib Ewlieni tal-Gvern u b`digriet tat-23 ta` Jannar 2013, l-atti gew trasfuzi f`isem Kenneth Grech**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ic-citazzjoni pprezentata quddiem din il-Qorti **<u>diversament presjeduta</u>** prezentata fis-<u>7 ta` Marzu 1989</u> li taqra hekk :–

*Billi fl-Isptar San Luqa, fil-kors ta` l-ewwel tqala tal-attrici Maria Brincat, kien gie ezaminat id-demm taghha ghal `blood grouping` li r-rizultat tieghu nhareg bil-miktub bid-data tal-14 ta` Mejju 1987, bhala A Rhesus <u>Positive</u>. Minn dik it-tqala twieldet it-tarbija Nicole fil-5 ta` Gunju 1987.*

*Billi fl-Isptar San Luqa, fl-4 u fit-18 ta` Mejju 1988, fil-kors tat-tieni tqala tal-attrici, liema tqala spiccat bit-twelid tat-tarbija mejta fis-26 ta` Lulju 1988, regghu ttiehdu kampjuni ta` demm ghal `blood grouping` li taw rizultat ta` A Rhesus <u>Negative</u>, u b`hekk gie rrealizzat li l-ezami ghal `blood grouping` li kien sar fl-ewwel tqala kien zbaljat.*

*Billi minhabba dan l-izball, l-attrici ma nghatatx Anti-D li hu trattament essenzjali f`kazi ta` A Rhesus Negative biex l-omm ma tipproducix antibodies li ghandhom effett nociv fuq ic-celluli homor tat-tarbija.*

*Billi bl-izball hawn fuq imsemmi sar minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta` hsieb da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, kif ukoll minhabba `culpa in eligendo` u `culpa in vigilando` f`materja importanti ghall-hajja u ghas-sahha fizika u mentali.*

*Billi kagun ta` dan l-izball fir-Rhesus, kull tqala futura tal-attrici Maria Brincat giet severament milquta b`mod avers u necessarjament tkun riskjuza u problematika u dan minhabba l-kundizzjoni ta` `<u>Rhesus Incompatibility</u>` li giet kawzata, u li setghet giet evitata.*

*Billi d-dritt tal-atturi illi jiffurmaw familja skond id-decizjonijiet u l-ghazliet taghhom gie serjament pregudikat.*

*Billi l-atturi sofrew u sejrin isofru danni, ghal liema danni huma responsabbli l-konvenuti solidament bejniethom.*

*Billi din il-kondizzjoni tal-attrici tirrikjedi trattament u interventi.*

*Jghidu l-istess konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti m`ghandhiex :*

*(1) Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-izball fuq imsemmi u ghall-effetti tieghu kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenzjali ;*

*(2) Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hlas ta` kuri medici, trattament u interventi adegwati u xierqa, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta (stante li f`Malta m`hawnx il-facilitajiet mehtiega kif wiehed isib f`centri specjalizzati barra minn Malta), inkluzi l-ispejjez necessarji u konsegwenzjali bhal dawk ta` safar u `relocation` barra minn Malta ghal skop ta` kura u trattament, liema kuri, trattament u interventi saru necessarji minhabba l-ghemil kolpuz tal-konvenuti u huma mehtiega biex l-atturi jkunu jistghu jergghu ikollhom ulied fi zmien ragonevoli, bl-izghar riskju possibbli ghall-attrici u ghan-naxxituri ;*

*(3) Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi inkluzi dawk li ghadhom sejrin isofru, u komprizi dawk indiretti ;*

*(4) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni kollha hekk dikjarati bhala dovuti in linea ta` danni, kif ukoll l-ispejjez ghal kuri medici, trattament u interventi li saru necessarji in konsegwenza ghall-ghemil kolpuz fuq imsemmi, u l-ispejjez l-ohra kollha ;*

*(5) Tordna lill-konvenuti jirrilaxxjaw kopja ta` l-istorja medika tal-attrici Maria Brincat biex tintuza lokalment u barra minn Malta ;*

*(6) Tordna li l-kundanna tkun solidali bejn il-konvenuti.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta` Jannar 1989, u bl-imghax skond il-ligi.*

*B`rizerva ta` kull dritt ta` azzjoni spettanti lill-atturi.*

*Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku tad-dokumenti li kienu prezentati mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-Onorevoli Tabib Vincent Moran li kienet prezentata fis-27 ta` Marzu 1989 u taqra hekk :–

*1. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni stante li mhix iffirmata minn Prokuratur Legali a bazi tal-Artikolu 178(1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni stante illi la mill-ligi, lanqas mill-fatti kif elenkati fil-premessi tac-citazzjoni, ma tohrog ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-eccipjent, allura l-eccipjent ghandu immedjatament jitqieghed barra l-gudizzju.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-eccipjent ma hu bl-ebda mod responsabbli personalment ghal xi danni li l-atturi setghu talvolta soffrew kif jallegaw minhabba n-nuqqas ta` terzi.*

*4. Illi l-facilitajiet fl-Isptar San Luqa, fejn saru l-interventi u l-ezamijiet medici in kwistjoni, kienu adegwati ghall-istess ezamijiet u interventi u ma kien hemm ebda nuqqas ta` facilitajiet li jista` jitqies tali li kkawza l-izball allegat.*

*5. Illi l-persuni li materjalment ghamlu l-interventi u l-ezamijiet in kwistjoni fuq l-attrici Maria Brincat kienu professjonalment kwalifikati u kellhom l-esperjenza necessarja u adegwata biex jaffettwaw l-interventi u l-ezamijiet de quo.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ma jista jkun hemm qatt fir-rigward tat-talbiet in ezami xi responsabbilta` solidali.*

*7. Illi diversi talbiet maghmula fic-citazzjoni de quo huma inutili u ripetitivi u jidher car illi d-domandi l-ohra kienu jkopruhom. Ghalhekk l-ispejjez ta` dawn id-domandi ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu akkollati fuq l-atturi. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha.*

*8. Illi d-domanda numru hamsa ma setghet qatt issir fil-konfront tal-eccipjent u ghalhekk l-eccipjent ghandu fir-rigward taghha jigi liberat immedjatament bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*9. Illi mill-premessi tac-citazzjoni ma jirrizultax illi l-attur Andrew Brincat sofra jew jista` jsofri xi dannu reali kif mahsub fil-ligijiet ta` Malta u kwindi m`ghandux interess f`din il-kawza u l-esponent ghandu fir-rigward tieghu jigi liberat immedjatament mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Onorevoli Tabib Vincent Moran.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra li kienet prezentata fid-29 ta` Marzu 1989 u taqra hekk :–

*1. L-illegittimita` tal-persuna ta` l-attur Andrew Brincat biex jippromwovi l-azzjoni odjerna.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-konvenuti l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha, t-Tabib Alfred Grech u s-Supretendent ta` l-Isptar San Luqa, m`humiex il-legittimi kontradittturi ghat-talbiet attrici u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ic-citazzjoni u t-talbiet hemm kontenuti huma karenti minn fundament guridiku u insostenibbli stante li l-fatti allegati fil-premessi citazzjojni ma jistghux jiffurmaw il-bazi ghal azzjoni ghal danni jew ghall-hlas ta` trattament mediku futur, taht il-ligi taghna.*

*4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba fic-citazzjoni hija karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli stante li l-ligi taghna ma tipprovvdix ghal hlas ta` spejjez futuri, u incerti kif rikjest fl-istess talba.*

*5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tielet talba fic-citazzjoni hija wkoll karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli in kwantu tikkontjeni talba ghal hlas ta` danni indiretti, u dan specjalment in vista ta` l-Artikolu 1045 sub-incis (1) tal-Kodici Civili li jistipula espressament li d-danni risarcibbli that is-sistema guridika taghna huma biss dawk diretti.*

*6. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-raba` talba fic-citazzjoni hija wkoll karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli kwantu din hija bbazata fuq it-tieni u t-tielet talbiet fic-citazzjoni.*

*7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hames talba fic-citazzjoni tmur espressament kontra l-Artikolu 590(2) u 673(3) tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u procedura Civili u ghalhekk hija insostenibbli u karenti minn fundament guridiku.*

*8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess is-sitt talba fic-citazzjoni hija wkoll karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli stante li xejn ma hu allegat fil-premessi tac-citazzjoni illi jista` jgib bhala konsegwenza s-solidarjeta` tal-konvenuti fl-obbligu ghall-hlas tad-danni mitluba.*

*9. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m`humiex responsabbli ghan-nuqqasijiet allegati fic-citazzjoni u ma jirrispondux ghad-danni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti l-ohra u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat id-digriet illi tat din il-Qorti diversament presjeduta **(JF)** fl-udjenza tat-23 ta` Mejju 1989 fejn hatret lill-Av. Dr. Joseph Micallef Strafrace bhala perit legali bl-assistenza tat-Tabib Dr Loris Manche` sabiex jisimghu l-provi tal-partijiet u jipprezentaw rapport dwar il-kaz.

Rat id-digriet illi tat din il-Qorti diversament presjeduta **(JF)** fl-1 ta` Awissu 1989 fejn issostitwiet lit-Tabib Dr Loris Manche` bit-Tabib Dr Joseph Louis Grech bl-istess fakoltajiet biex jassisti lill-perit legali.

Rat id-digriet illi tat din il-Qorti diversament presjeduta **(JSP)** fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 1991 fejn issostitwiet lit-Tabib Dr Joseph Louis Grech bit-Tabib Dr John Azzopardi biex jassisti lill-perit legali.

Rat id-digriet illi tat din il-Qorti diversament presjeduta **(JSP)** fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 1991 fejn issostitwiet lit-Tabib Dr John Azzopardi bit-Tabib Dr Bridget Ellul biex tassisti lill-perit legali.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Ottubru 1996 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta **(GC)** fejn l-atturi permezz tad-difensur taghhom iddikjaraw illi ghad ghandhom interess fil-kawza tal-lum.

Rat illi ghal xi zmien il-kawza baqghet differita ghas-sentenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta **(GC)** (fol 117 u fol 119) meta huwa evidenti skont l-atti li l-gbir tal-provi ma kienx ghadu maghluq.

Rat in-nota li pprezenta l-perit legali fil-25 ta` Gunju 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta **(AL)** fejn iddikjara li l-gbir tal-provi kien intemm fis-seduta peritali tal-11 ta` Mejju 2007 u li r-relazzjoni ma kenitx ghadha prezentata billi l-atturi, tramite d-difensur taghhom, talbu li jipprezentaw nota ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota li pprezenta l-perit legali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta **(AL)** fil-11 ta` Frar 2008 fejn iddikjara illi wara li nghalaq il-gbir tal-provi u saru n-noti ta` osservazzjonijiet mill-partijiet kollha, il-periti gudizzjarji kienu qeghdin ihejju r-relazzjoni.

Rat illi l-kawza ghaddiet ghand Imhallef iehor **(SM)** li pero` kellu jastjeni.

Rat l-ordni tal-Onor Prim` Imhallef tat-23 ta` Jannar 2012 fejn il-kawza kienet assenjata sabiex tinstema` minn Imhallef iehor **(LFS).**

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit legali Av. Dr. Joseph Micallef Stafrace, u r-relazzjoni li pprezentat il-perit mediku Tabib Dr. Bridget Ellul. Iz-zewg relazzjonijiet kienu konfermati bil-gurament mill-periti fis-7 ta` Awissu 2012.

Rat l-atti kollha tal-procediment kondott mill-periti gudizzjarji, inkluz il-provi u n-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati quddiemhom qabel il-presentata tar-relazzjonijiet.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fit-13 ta` Novembru 2012 fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali. Din it-talba kienet irtirata permezz ta` nota li pprezentaw l-atturi fis-6 ta` Dicembru 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 fejn il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.**

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fit-22 ta` Mejju 2014 fejn kienet ceduta l-kawza kontra l-konvenut Tabib Vincent Moran personalment u fejn kien dikjarat li l-atturi ma kienu qeghdin jippretendu xejn minghandu personalment.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2014.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti fl-10 ta` Ottubru 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Emanuel Sciriha (Registratur Qrati Civili u Tribunali) u ta` Frederick Stagno Navarra (Deputat Registratur) fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat id-digriet li tat fit-18 ta` Settembru 2015 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2015 fejn, wara li kienu trattati u risolti l-kwistjonijiet li wasslu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza rega` thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**<u>L-attur</u>** xehed illi minhabba l-izball fil-*blood grouping* li sar fl-Isptar San Luqa fil-kors ta` l-ewwel tqala ta` martu, l-attrici Maria Brincat, martu ma setax ikollha tqala normali. L-izball kien fis-sens illi d-demm taghha gie klassifikat bhala *A Rhesus Positive* meta fil-fatt huwa *A Rhesus Negative.* Dan il-fatt gie a konjizzjoni taghhom fit-tieni tqala meta martu spiccat kellha twelled tifel mejjet fil-35 gimgha tat-tqala. Huwa spjega li dik it-tqala kienet karatterizzata minn numru ta` zbalji ohra peress li martua giet ikkunsidrata bhala kaz ta` tqala normali.

Fisser illi skont stharrig li sar ma` diversi centri barranin li jispecjalizzaw fil-kondizzjoni ta` *Rhesus Incompatibility,* li saret tbati minnha martu meta tkun tqila, saru jafu li l-kura hija tant specjalizzata li tehtieg li l-*foetus* ikun immonitorjat mill-qrib sa mid-dsatax-il gimgha `l quddiem u jrid jinghata trasfuzjonijiet skont il-bzonn meta li jkun ghadu fil-guf.

Stqarr illi fuq insistenza taghhom u ta` l-avukat taghhom, il-Gvern accetta li jibghat lil martu Londra ghall-kura mehtiega fi Queen Charlotte`s Hospital, u dana wara li sabu li kienet rega` harget tqila. Il-Gvern ma pprovda xejn fir-rigward tieghu u ta` binthom Nicole. Gara ghalhekk illi huwa u bintu kienu sejrin ikunu separati minn xulxin fit-tul, haga ma kinitx accettabbli. Huwa kien jghallem l-Iskola ta` Stella Maris izda dahal jahdem mal-Gvern peress li haseb li b`hekk biss seta` jikseb l-appogg tal-Gvern ghal dak li se jkollu bzonn. Kiteb hafna u kellem hafna ufficjali izda kien kollu ta` xejn sakemm jumejn biss qabel martu kienet ser titlaq lejn Londra, huma kellmu lill-Ministru Ugo Mifsud Bonnici li ftiehem mas-Sur Evarist Saliba mill-Ministeru Ghall-Affarijiet Barranin sabiex jinghataw nota li huwa kien sejjer jahdem Londra gewwa Malta House.

Qal illi meta marru Londra, qaghdu ghand is-Sorijiet Frangiskani ghal 15-il gurnata. Martu kellha l-akkomodazzjoni mhallsa, izda hu u binthom Nicole kellhom jhallsu ghall-akkomodazzjoni. Hallsu wkoll ghall-passaggi kollha inkluz il-passagg bl-ajru ta` martu kemm biex imorru Londra kif ukoll ghar-ritorn. Meta waslu Londra, huwa mar mill-ewwel Malta House fejn l-ewwel offrewlu impieg ta` skrivan izda mbaghad infurmawh li dan ma setax jaghmlu. Saru sforzi biex jigi sekondat mid-Dipartiment ta` l-Edukazzjoni. Huwa kien kostrett imur ghand il-

Kummissarju Gholi ta` Malta li ordna li tinhariglu nofs il-paga ta` Malta. Ghalkemm sab ghajnuna u simpatija, fl-istess waqt spicca umiljat.

Qal illi z-zmien li ghamel Malta House qattghu fl-ufficcju ta` l-MDC fejn ta l-kontribut tieghu. Bhala rimunerazzjoni, ma ha l-ebda *allowance* talli kien qed jahdem Londra. Kellu jsib post alternattiv fejn jghixu peress li ghand is-Sorijiet Frangiskani ma setghux jieklu hemm hlief ghall-*breakfast*. Spjega li sab *basement flat* qrib Malta House u li kien ftit boghod minn Queen Charlotte`s Hospital fejn martu kienet qieghda tircievi l-kura. Id-Dipartiment tas-Sahha kien jaghtihom il-flus ghall-akkomodazzjoni izda huma kellhom ihallsu d-differenza ta` GBP 20 fil-gimgha. Inoltre kull meta kien ikun hemm sodod vojta ghand is-Sorijiet Frangiskani, il-flus ta` martu ma kinux jehduhom u kienu jhallsu l-kera minn dak li kellhom. Kienu jhallsu l-ispejjez tat-trasport u tal-hajja mid-dhul li kellhom u minn flus li sellfuhom tal-familja. Huma qatt ma xtraw hwejjeg jew ghamlu spejjez ohra. Matul dan iz-zmien, diversi membri tal-familja zaruhom Londra sabiex jaghtu daqqa t`id ; anke meta twieldet it-tarbija li nghata l-isem ta` Bernard Charles.

Xehed illi l-effett ta` dan kollu kien illi l-hajja taghhom tharbtet ghal zmien konsiderevoli kif ukoll spiccaw ghamlu hafna djun.

Qal illi effett iehor hazin kien fuq il-kontribut tieghu lejn l-azjenda gdida ta` stamperija li huwa flimkien ma` missieru, ommu u huh kienu waqqfu fl-1987. L-istamperija kienet tinsab l-Msida u kien jisimha *"Advance Printers"*. Huwa ma kienx impjegat fl-istamperija izda in-negozju kien qed jinbena. In-negozju kellu jaghlaq fl-1992-1993. Kien hemm aktar minn tliet impjegati *full time* inkluz huh. Missieru kien jghin ukoll fl-istamperija peress li kellu xoghol iehor.

Apparti l-pretensjoni ghal danni fejn tidhol martu, huwa kien qed jippretendi Lm 6,000 bhala telf ta` qliegh, kalkolat fuq figura ta` Lm 3,000 fis-sena ghal sentejn. Meta hadem bhala gwida *part time* kien jaqla` medja ta` Lm 3,000. Fis-socjeta` Advance Printers Limited huwa kellu tnejn minn hamsa tal-ishma ; kien ukoll direttur pero` ma kienx jippercepixxi *director`s fee.*

Ipprezenta l-*income tax assessments* tieghu u ta` martu relattivi ghaz-zmien in kwistjoni, kif ukoll prospett li juri l-*gross income* tieghu u ta` martu fl-istess zmien.

Ipprezenta bhala Dok DA prospett tad-danni attwali inkorsi minnu u minn martu. Dak apparti kien zbankat mill-bank ammont ta` Lm 1,000. Huwa kien ghalliem il-Kullegg Stella Maris u wara ghallem is-Sixth Form tal-Gvern. Ma ghamilx xoghol ta` gwida minhabba l-qaghda ta` martu u tal-familja tieghu. Qal illi

martu hija spizjara u ma hadmitx ghal sentejn. Martu kienet qeghda ssegwi *degree course* (Maths, Computer & Logic) u kellha tiggradwa tard minhabba din il-kwistjoni. Huma zzewwgu fil-15 ta` Awissu 1986. Martu ggradwat fil-farmacija fl-1978. Fl-1985 bdiet *evening course* ta` hames snin ghall-B.Sc. In segwitu saret Manager mal-MITTS. Bejn l-1984 u l-1987, martu hadmet bhala spizjara fin-National Pharmacy, Hamrun. Waqfet tahdem meta kellhom l-ewwel tarbija Nicole li twieldet fil-5 ta` Gunju 1987. Rega` bdiet tahdem wara li hadet il-B.Sc. u wara li gew lura minn Londra.

Dwar il-partita 3 tad-Dok DA, xehed illi hu, martu u bintu ma setghux ikomplu jghixu f`kamra wahda ; inoltre riedu jahsbu ghall-ikel ghaliex ghand is-sorijiet kienu fuq bazi ta` *bed and breakfast* u ikla wahda ghal martu. Talab lil Malta House sabiex isibulu *flat* izda dawn ma sabulu xejn. Kellu jsib flat hu b`kera ta` GBP 160 fil-gimgha. Il-Gvern accetta li johrog sa GBP 140 fil-gimgha u d-differenza hallasha huma. Il-flat kien centrali u ghalhekk ma kienx jinvolvi spejjez partikolari ta` trasport ghax-xoghol u ghall-isptar. Meta ghand is-sorijiet kien ikun hemm kmamar vojta, il-Gvern kien inaqqas l-ammont li kien johrog mill-GBP 140 fil-gimgha.

**L-attrici** xehdet illi fil-kors ta` l-ewwel tqala taghha, sar ezami tad-demm taghha ghall-*blood grouping.* Ir-rizultat bid-data ta` l-14 ta` Mejju 1987 hareg bhala *A Rhesus Positive.* Fl-1988, hija reg` harget tqila u l-infermiera staqsietha jekk kinitx taf il-*blood group* taghha. Peress li l-attrici ma kinitx tafu, l-infermiera rega` ghamlet test. Ftit taz-zmien wara, hija rceviet nota biex tmur l-Isptar fejn rega` ttiehed kampjun tad-demm peress li ir-rizultat ma kienx jaqbel ma` dak li kien hemm imnizzel fil-*file.* Fit-8 ta` Gunju 1988 ir-rizultat kien juri *A Rhesus Negative* u li kien hemm *titre level* ta` 1:4. Meta kellmu lil Dr F Bonello dan qalilhom li kienu ilhom ma` jkollhom zball hekk u li kellu jsir l-*monitoring* tat-*titre* sabiex fil-kaz li dan joghla, jsir *amniocentesis.* Saru testijiet ghall-*blood group* ta` zewgha u ta` binthom u rega` hadu d-demm taghha ; fil-karta ta` l-identita` taghha l-*blood group* inkiteb hazin.

Xehdet illi fis-6 ta`Lulju 1988 marru l-isptar u kienu nfurmati li t-*titre level* kien 1:16 u ghalhekk, kellha ssir *amniocentesis.* Ikkonsultat ma` l-ispecjalist privat taghha li qalilha li jekk il-livell kien ser joghla aktar, kien ser ikun hemm bzonn li t-tarbija titwieled qabel iz-zmien. Fil-11 ta` Lulju 1988, marret l-isptar sabiex issir l-*amniocentesis* izda Dr George Buttigieg ma rnexxilux jigbed likwidu. Marret l-*Antenatal Ward.* Baghtuha d-dar izda kellha tmur lura l-isptar sabiex jerga` jsir l-*amniocentesis.* Talbet ir-rizultat tat-*titre level* izda qalulha li ma kienx ghadu fil-*file.* Mill-*ultrasound,* it-tarbija kienet tidher tajba.

Stqarret illi fl-14 ta` Lulju 1988 hija marret ghat-tieni tentattiv biex isir *amniocentesis.* Ingibed ftit likwidu u mbaghad beda hiereg likwidu bid-demm. Dr

Bonello kien spjegalha li l-likwidu car tal-bidu kien juri li t-tarbija kienet tajba. Baghtuha d-dar izda kellha terga` tmur ghal *amniocentesis* iehor fil-21 ta` Lulju 1988. Ghalkemm hrega` staqsiet ghar-rizultat tat-*titre level,* Dr Bonello qalilha li ma kienx fil-*file.* Fil-21 ta` Lulju 1988, sar it-tielet *amniocentesis*, izda rega` ma ngibed l-ebda likwidu. Dakinhar inghatat it-*titre result* li kien immarka *negative,* izda Dr Bonello avzaha li dan ma kienx possibbli u rega` ordna *test* iehor. Fl-*ultrasound* it-tarbija rega` dehret tajba. Dakinhar stess hi u zewgha marru jkellmu lil Dr Roy Schembri Wismayer. Meta dan ra r-rizultat tat-*titre* kkonkluda li t-tfajla nkarigata kienet bil-*leave* u li min ha postha kien ghamel zball.

Fissret illi fil-25 ta` Lulju 1988, hi u zewgha marru l-isptar ghaliex hi ma kinitx qed thoss it-tarbija ticcaqlaq. Minn *foetal monitoring*, qalb it-tarbija ma kinitx tinhass. Sar *ultrasound* u rrizulta li t-tarbija kienet mietet. Zammuha fl-*antenatal ward* u hemm saret taf li t-*titre level* kien tela` ghal 1:512. Fis-26 ta`Lulju 1988, Dr Lech kien spjegalha li kien se juza *vaginal suppositories* biex jistimulaw it-twelid tat-tarbija u ghal darba ohra, meta ttiehdu kampjuni tad-demm u ta` l-urina, l-infermiera kitbet in-numru tal-karta ta` l-identita` hazin. L-attrici weldet lil binha mejjet fl-4.00 pm.. Il-*midwife* ppruvat tiehu kampjun tad-demm mis-sekonda izda ma rnexxiliex.

Qalet illi fl-14 ta` Settembru 1988, hija kellha *post natal visit* fejn Dr Bonello qalilhom li fil-fehma tieghu kien il-*clots* li qatlu lit-tarbija. Qalilhom illi ghalkemm tal-patologija ma sabux effett tar-*Rhesus*, it-tarbija kienet affetta. Qalilhom li ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni minn fejn gew il-*clots,* izda seta` jkun in-*needling* ta` l-*amniocentesis.* Qalilhom li t-tarbija kienet bl-anemija u ghalhekk ma felhitx ghall-*clots.* Meta staqsiet dwar tqala ohra, Dr Bonello qalilhom li l-istess metodu ta` *monitoring* jintuza u jittiehed it-*titre* biex jigi determinat il-bzonn ta` *amniocentesis.* Fi tqala ohra ma jkunx hemm *anterior placenta* u ghalhekk ikun hemm inqas cans ta` hsara bin-*needling.* Tkellmet ma` Dr George Buttigieg wkoll li fost affarijiet ohra qalilhom li tarbija ohra tkun effettwata zgur u ghalhekk ried ikun hemm *management* tajjeb tat-tqala. Qal ukoll li l-*amniocentesis* kienet kagun ta` zieda fit-*titre.*

Spjega illi hija tkellmet mal-*midwife* Ms Castillo izda din irreferiet ghall-*file* dwar id-dettalji tal-kaz. Tkellmu ma` Dr Leah li eskluda li seta` kien hemm kaz ta` *antepartum haemorrhage.* Tkellmet ma` Dr Muscat Baron li ghalkemm ma kienx jiftakar il-kaz taghhom, qalilhom li *fresh blood clots* ma jindikawx *antepartum haemorrhage.*

L-attrici baqghet tixhed dwar id-diversi appuntamenti li saru u d-diffikultajiet li kellha sabiex gabret ir-rizultati tal-*post mortem* u tal-*placenta* kif ukoll tat-*titre.* Semmiet ukoll lista ta` zbalji u nuqqasijiet li saru fil-kaz taghha li kienu jinkludu zball fil-*blood grouping* fl-ewwel tqala ; dewmien fir-rizultati tat-*titre*

zball meta tnizzel *no antibodies present* meta fil-fatt kien hemm ; zmien twil minghajr *monitoring* ; meta hareg ir-rizultat ta` *titre* 1:152 dan ma giex ikkomunikat immedjatament ; qatt ma saru testijiet biex jigi stabbilit *lung viability* ma saritx inkjesta wara l-mewt tat-tarbija sakemm saret l-ittra ufficjali li pprecediet il-kawza ; l-ahhar *amniocentesis* ma gietx registrata fil-*cooperation card ;* ir-*referral* mill-ahhar *amniocentesis* ma giex imnizzel ; meta l-konsulent ha l-*leave,* ma sarx *handover* lil konsulent iehor ; zball meta ntqal lilhom li l-kawza tal-mewt kienet l-*abruption* tal-*placenta* u *needling* ta` l-*amniocentesis ;* rizultat ta` *bilirubin* li nghata fir-rapport mediku izda li ma hemm l-ebda prova tieghu band`ohra ; u konflitt bejn il-*lung report* mill-*postmortem* u dak li ntqal verbalment lilhom.

Wara li kkonfermat dak li xehed zewgha, l-attrici xehdet illi fid-9 ta` Jannar 1990 kellha tarbija bl-isem ta` Bernard Charles li twieled fi Queen Charlotte`s Maternity Hospital, Londra. Marret Londra fuq insistenza taghha. Il-Gvern hallas l-ispejjez ta` l-isptar u parti mill-akkomodazzjoni go Londra. Marret fis-17 ta` Settembru 1989 u giet lura fil-11 ta` Marzu 1990. Matul dan iz-zmien kellha maghha lil zewgha u lil bintha Nicole. L-ispejjez ta` zewgha u ta` bintha hallsuhom huma. L-ewwel hmistax-il gurnata qaghdu ghand is-Sorijiet Frangiskani Maltin izda l-kamra kienet zghira u ma setghux jghixu sitt xhur bhala familja go kamra. Ghalhekk sabu *flat* Londra. Il-Gvern hallas dak li kien ihallas li kieku baqghu ghand is-sorijiet. Anke li kieku baqghu ghand is-sorijiet, kien ikollhom ihallsu l-ispejjez ta` zewgha u bintha. Huma hallsu l-biljetti tal-ajru taghhom it-tlieta.

Qalet illi nsistiet biex tmur Londra peress li l-parir tal-Professur Charley Rodeck kien li sabiex ikollha l-beneficcju tat-trattament preventiv kien mehtieg li hija tkun prezenti Londra b`sehh mid-dsatax-il gimgha tat-tqala `l quddiem. Fid-dsatax-il gimgha tat-tqala, it-tarbija tkun diga` affettwata bl-*antibodies* tar-*Rhesus.* Hija nghatat l-ewwel trasfuzjoni *intra uterine* ftit granet wara li waslu Londra. B` kollox, qabel it-twelid, it-tarbija hadet sitt trasfuzjonijiet *intra uterine* u tnejn ohra wara t-twelid. Wara li kien *discharged* `il quddiem, it-tifel ma kellux bzonn trattamenti.

Fissret illi ghal kull tqala taghha, iridu jittiehdu l-istess prekawzjonijiet li ttiehdu fil-kaz tat-tielet tqala. Meta kienet tqila l-ewwel u t-tieni darba, kienet taht il-kura ta` Dr Frank Bonello. Fit-tielet tqala, hija kienet taht il-kura ta` Dr George Buttigieg. Ir-rakkomandazzjoni li tmur barra saret minn Dr Tancred Busuttil.

Kompliet tghid illi bejn l-ewwel u t-tieni tqala ma kinitx hadet demm ; lanqas kellha korrimenti. Ghat-tielet tqala, ghamlet test normali tad-demm u kienu baghtu ghaliha peress li kien hemm diga` *antibodies.* Ir-rakkomandazzjoni tas-safar saret wara li kellha kommunikazzjoni ma` Dr Charles Rodeck li kien qalilha car u tond li sabiex issalva t-tarbija, kien mehtieg li tircievi trattament li kien offrut fi sptar

Londra. Qalet illi hi u zewgha qaghdu lura milli jkollhom ulied ohra minhabba dak li ghaddew minnu.

Xehdet illi zewgha huwa ghalliem fis-Sixth Form tal-Gvern. Ha *transfer* ghal Malta House fejn is-salarju tieghu baqa` l-istess. Kien ukoll gwida licenzjata.

Qalet illi wara t-tielet tqala taghha, id-demm taghha ma giex ccekkjat izjed. It-tielet wild taghha hareg mill-isptar bhala tarbija normali. Dr Roy Schembri Wismayer mill-*Blood Transfusion Department* kien fittex fir-*records* u sab li l-*blood grouping* tal-ewwel tqala taghha kien A-Positive. Sab ukoll illi l-*card* relattiva ma kinitx iffirmata.

Fissret illi meta kien qed isiru t-testijiet ghat-tieni tqala taghha, sar zball iehor fit-*tests* ta` l-*antibody titre.* Meta tkellmet ma` Dr Schembri Wismayer dan kien spjegalha li kien sar zball ghax min soltu kien jaghmel it-*test* kien *on leave.* Ir-rizultat tat-*titre* kien dejjem idum ma jasal. Il-*blood group* tal-*A negative* ittiehed darbtejn fit-tieni tqala.

Kompliet tistqarr illi hija ggradwat bhala spizjara (B. Pharm) kif ukoll hadet B.Sc. fl-*Information Technology*. L-ewwel *degree* haditha meta kienet xebba. Il-B.Sc haditha fl-1991 meta diga` kellha zewgt itfal. Sal-1987 kienet tahdem bhala spizjara izda waqfet ghal madwar tlett xhur qabel twieldet it-tifla. In segwitu l-impieg kien terminat. Meta giet ha terga` lura ghax-xoghol ta` spizjara, ma setghetx taghmel dan minhabba dak li gara. Kienet giet offruta xoghol *part-time* go spizerija fl-1988 izda minhabba dak li gara, skopriet li psikologikament ma setghetx tahdem f`dak l-ambjent. Fl-1989 kellha l-opportunita li tahdem fl-IT izda kellha ssiefer minhabba t-tarbija.

Stqarret illi kellha taghmel il-*finals* tal-kors ta` l-IT f`Jannar 1990 izda minhabba dak li gara il-*finals* saru f`Settembru 1990. Fil-1991, hija bdiet tibni l-karriera taghha fl-IT : l-ewwel bdiet tahdem *part time,* imbaghad *full time* mill-1994. Fl-1992 u 1993 kienet *part timer lecturer* fl-IT l-Universita`.

Qalet illi l-pretensjoni taghha kienet ghall-hlas ta` Lm 6,000 bhala telf ta` qliegh miz-zewg professjonijiet.

**<u>Tabib Dr. Roy Schembri Wismayer</u>** – Kap tas-Servizz Nazzjonali tat-Trasfuzjoni tad-Demm ghal Malta u Ghawdex – xehed illi d-demm ta` l-attrici kien gie ttestjat ghall-ewwel tqala fil-31 ta` Mejju 1987. Il-*grouping* kien *A Rhesus Positive.* Sar *screening* ghall-*antibodies* kontra *O Pooled Blood* u l-*IAHG* kien hareg

negattiv. Fir-*records,* sab kopja li ma kinitx iffirmata. Fl-4 ta` Mejju 1988, sar mill-gdid il-*blood grouping* u gie *grouped* bhala *A Rhesus Negative.* Rega` sar *screening* ghall-*antibodies* u rrizulta li kien hemm koncentrazzjoni (*titre*) ta` *one in four.*

Kompla jixhed illi bejn il-15 u t-18 ta` Mejju 1988 huwa ddiskuta personalment man-*nurse, midwife* u t-tabib dwar il-problema li qabel l-attrici kienet *A Rhesus Positive.* Huwa ordna *rechecking* permezz ta` kampjun iehor. Fit-8 ta` Gunju 1988, rega` sar *rechecking* fuq kampjun iehor u nstab li t-*titre* tal-*Anti D* tela` ghal *one in sixteen.* Fis-6 ta` Lulju 1988, hareg rizultat mit-tekniku Charles Muscat li ma sabx *antibodies* izda l-*blood grouping* baqa` *A Negative.* Ir-rizultat ta` l-*antibodies negative* kien zball klerikali ghaliex it-tekniku Muscat kiteb ir-rizultat hazing. Ir-rizultat korrett kien diga` mahdum minn Lucienne Azzopardi qabel harget *sick* izda Muscat ikkuppjah hazin. Meta dahlet lura Lucienne Azzopardi, indunaw bl-izball fi zmien jumejn u ghamlu korrezzjoni.

Kompla fisser illi fil-21 ta` Lulju 1993 marru l-atturi jkellmuh. Jista` jkun illi kienu l-atturi gibdu l-attenzjoni tieghu ghall-izball. Fl-istess jum ittiehed kampjun iehor u r-rizultat kien *A Rhesus Negative* u t-*titre* tal-*Anti D* tela` *one in 512.* Billi t-*titre* kien tela` hafna, sar kuntatt mas-sala tal-*obstetrics* u minn hemm, inghataw struzzjonijiet biex isir kuntatt mal-konsulent. Lucienne Azzopardi ppruvat tikkomunika mal-konsulent izda dan ma rnexxielhex. Wara t-twelid tat-tieni tarbija, li kienet mejta, fis-26 ta` Lulju 1988, l-*antibody titre* kien *1 in 1024.* Fl-14 ta` Settembru 1988, l-*antibody titre* kien *1 over 2048.*

Sostna li wara l-kaz tal-attrici, zdiedu mizuri sabiex jitnaqqas ic-cans ta` zbalji. Huwa ghamel rakkomandazzjonijiet f`dan is-sens lill-Bord tal-Inkjesta Dipartimentali.

**Lucienne Borg xebba Azzopardi** xehdet illi hija tahdem fil-Bio Med Lab izda qabel kienet tahdem fid-Dipartiment tas-Sahha fil-Laboratorji. Hija kkwalifikat f` Lulju 1987. Minn Mejju 1987 sa Lulju 1987 kienet ghadha studenta u l-Kap taghha kien Prof Joseph Gatt. Wara Lulju 1987 kienet taqa` taht Dr Roy Schembri Wismayer.

Qalet illi lill-attrici ratha xi darbtejn it-*Transfusion Unit* tal-Isptar. Tghid illi spjegat li lill-attrici tassocjaha ma` incident. L-ewwel darba li hi ghamlet it-testijiet sabitha *Rhesus Negative* ; wara li tkomplew it-testijiet soliti saret taf li din kienet diga` tipproduci l-*antibody D.* L-*antibody D* mhijiex haga li suppost ikollu persuna. Bhala prevenzjoni, suppost jaghtu l-*anti D* izda dan ma kienx fil-kompitu taghha.

Fissret illi sakemm kellmuha dwar ir-rizultat ta` qabel li kien juri *A positive*, ma kienu ndunaw b` xejn. Irrepetiet it-test u gie jaqra : *A negative.*

Qalet illi meta kienet fis-*seology lab* is-*samples* kien jaslu wara nofs in-nhar. Meta jasal ghandha kien jigi registrat u kienu jsiru l-*blood groupings.* Ir-rizultat tat-*titre level* normalment kien jintbaghat fi zmien tlett ijiem. Qabel is-*sample* jigi *handled* minn diversi nies.

**Martin Meachen** xehed illi minn Marzu sa Novembru 1987 huwa kien jahdem fil-*Blood Transfusion Unit* ta` l-Isptar San Luqa. Sar jaf bl-incident ta` l-attrici wara li saret inkjesta interna.

Qal illi dak iz-zmien, il-kap kien il-Prof Joseph Gatt waqt li huwa kien temporanjament ighin fl-amministrazzjoni. Waqt l-inkjesta huwa kien ghamel *statement.*

Stqarr illi l-istudenti kienu jghinu biss lit-*technicians* u mhux jaghmlu xoghol ta` responsabbilita. Il-procedura dak iz-zmien kienet li meta kien jasal il-kampjun tad-demm, ir-*receptionist* kienet tivverifika l-isem tal-formola u ssir r-registrazzjoni minn dan filwaqt li l-kampjun jinghata numru li jitnizzel fuq l-istess kampjun. Fil-kaz tal-*ante natal,* dan kien imur fil-laboratorju fejn isir it-test tal-*ante natal* u mbaghad jinhadem il-*blood grouping* fuq id-demm mit-*technician.* Dawn kienu jahdmu fuq *worksheet* ; wara l-kontenut taghha kien jitnizzel fil-*hard copy.* Din il-*worksheet* kienet tigi distrutta wara xi zmien. It-*technician* kien jikteb hu stess fuq il-*hard copy* dak li jkun hemm fil-*work sheet.* Il-*hard copy* kienet tmur ghand ir-*receptionist* u fil-formola originali kien jitnizzel ir-rizultat. Ir-*request form* kienet tkun in *duplicate* ; il-*hard copy* kienet tinzamm fil-laboratorju ; u s-*soft copy* kienet tmur fil-*ward* fejn ikun il-pazjent. Is-*soft copy* kienet tinghata timbru wkoll mir-*receptionist.*

Fisser illi huwa kien jghin lil Prof Gatt. Ix-xoghol tieghu dejjem kien fil-laboratorji. B`referenza ghal Dok HA huwa spjega li fuq nett mal-lemin hemm il-firma tat-tabib tal-ward li talab it-test ; u isfel net ghan-nofs hemm inizjali. Huwa spjega li bla firem ma kienx johrog rizultat.

**Louis Naudi** - Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru – xehed illi l-bidla fil-Gvern saret fit-12 ta` Mejju 1987 meta Dr Eddie Fenech Adami nghata l-gurament tal-hatra bhala Prim Ministru mill-Agent President ta` Malta Paul Xuereb. Il-Ministri hadu l-gurament tal-hatra fl-14 ta` Mejju 1987.

**<u>Tabib Dr. Anthony Vassallo</u>** – Tabib Principali tal-Gvern bejn l-1991 u l-1997 – xehed illi fi Frar 1989 kien gie appuntat bhala *Chairman* ta` Bord ta` Inkjesta taht l-*Inquiries Act* biex flimkien ma` zewg membri ohra (il-Kurunell Thomas Warrington u Dr Eddie Agius) jinvestigaw dak li kien hemm fl-ittra ufficjali jew protest li rcieva d-Dipartiment tas-Sahha dwar incidenti li sehhew matul l-ewwel tqala (jigifieri fl-1987) ta` l-attrici Maria Brincat. Il-Bord kien iltaqa` diversi drabi, nstemghu x-xhieda, u kienu ezaminati r-*records* medici ta` Maria Brincat. Il-l-Bord mhux biss kellu jezamina l-allegazzjonijiet, izda kellhom jidentifikaw il-proceduri u s-sistemi konnessi ma` kif jittiehed id-demm fl-*ante natal clinic* u l-processi sussegwenti fil-*Blood Transfusion Dept.* Kienu mitluba wkoll sabiex jaraw jekk kienx hemm xi nuqqas ; u jekk fl-affermattiv, jidentifikaw il-persuni li kienu responsabbli.

Stqarr illi l-konkluzjoni tal-bord kienet illi kien inghata rizultat zbaljat dwar il-*blood group* ta` Maria Brincat li kien ittehdilha d-demm fil-5 ta` Mejju 1987 fl-*antenatal clinic* meta attendiet ghall-vista fl-ewwel tqala taghha. Ma setax jigi identifikat min kienet l-infermiera li hadet id-demm jew min dahhal l-informazzjoni fir-Registru tal-*Blood Reansfusion Dep*. Anke li kieku kien identifikat min kienet il-persuna li ghamlet l-analizi tad-demm, ma jfissirx li bilfors kien zball min-naha tieghu. Il-bord dahal ukoll fit-tieni tqala. Kien hemm diffikolta` biex jistabbilixxu x` sar ezatt dakinhar. Kien hemm procedura fejn it-tabib li jkun ezamina l-pazjenta jkun mela il-*laboratory request form* u fuq din kien ikun hemm il-partikolaritajiet taghha u t-test li jkun mitlub.. Imbaghad din tinghata lill-pazjenta li tmur biha fil-parti tal-*ante clinic* riservata apposta ghat-tehid tad-demm. Ir-rwol ta` l-infermiera kien illi minbarra li tiehu d-demm, tara li l-*containers* li tpoggi d-demm fihom ikollhom il-partikolaritajiet tal-persuna li taghha jkun dak id-demm. Maria Brincat kienet issejhet fl-inkjesta u tat ix-xiehda taghha izda rrifjutat li tiffirma x-xiehda.

Xehed illi l-bord kellu fil-pussess tieghu r-*request form* li kien fiha l-partikolaritajiet ta` Maria Brincat, kif ukoll dak li ried it-tabib, bil-firma tal-istess tabib. Ir-rizultat jinkiteb fuq l-istess formola tal-Laboratorju billi jinkiteb mit-*technician* li jiffirma r-rizultat. Izda l-analista jkellu r-responsabbilita` immedjata u jiffirmaha wkoll. Mill-investigazzjonijiet li saru, ma rrizultax li kien hemm xi inkompetenza bhala tali, u li l-persuni kollha nvoluti kienu kompetenti ghax-xoghol taghhom. Huwa dover ta` l-infermiera li tiehu d-demm li tara li fil-vazzett jidhol id-demm tal-persuna li isimha jkun indikat fuq l-istess vazett. Il-vazett immure il-laboratorju f` *batches* ta` vazetti li jista` jkun li jintbaghtu l-ghada. Fil-kaz ta` Maria Brincat, id-demm gie registrat fil-*Blood Transfusion Department* fis-6 ta` Mejju 1987. F`din id-data, id-departiment kien ezamina 32 kampjuni ta` demm ghall-*blood grouping* li l-parti l-kbira minnhom kienu mill-*ante natal clinic.* Minn dawn il-kampjuni, kien hemm sitta (6) li kienu *RH negative.* Kien baqa` dubju dwar persuna wahda u l-Bord kien irrakkomanda li jsir *follow up* ta` dik il-persuna.

**Tabib Dr Ray Busuttil** xehed illi huwa kien Direttur Generali fid-Divizjoni tas-Sahha fil-Ministeru tas-Sahha, Anzjani u Kura fil-Komunita`.

Ipprezenta kopja tar-rapport ta` l-inkjesta dipartimentali li dwarha xehed Dr. Vassallo.

Ix-xhud sar Direttur Generali fi Frar 1999 u kellu wkoll il-funzjoni ta` Tabib Principali tal-Gvern.

Ighid illi huwa ma kienx involut fl-inkjesta dipartimentali. Dak iz-zmien kien ghadu l-Ingilterra u ma kellu ebda konnessjoni mad-Dipartiment. Madanakollu skont taghrif li sab fil-*file* relattiv, irrizulta li l-Gvern kien ghamel offerta konsistenti minn zewg affarijiet : hlas *ex gratia* ta` Lm 3,000 ; u jaghti l-kura kollha mehtiega kemm Malta kif ukoll barra ghal kull taqla ohra li jkollha Maria Brincat. Ghalkemm l-offerta fl-assjem taghha kienet rifjutata, l-atturi pprevalew ruhhom mit-tieni parti tal-offerta. L-offerta lill-atturi saret permezz ta` ittra datat 24 ta` Ottubru 1991 li baghat l-Avukat tar-Repubblika Peter Grech lill-Av. Tonio Azzopardi. Fil-31 ta` Jannar 1992 intbaghtet ittra ohra minn Dr Grech fejn akkorda lil Dr Azzopardi sal-15 ta` Marzu 1992 biex iwiegeb l-ittra ta` l-24 ta`Ottubru 1991. Inkitbet it-tieni ittra billi l-atturi baqghu siekta wara l-ewwel ittra tal-Av. Grech.

Kompla jghid illi l-atturi qatt ma ghamlu kontroproposta ghall-offerta tal-Gvern. Minflok huma pprezentaw ittra ufficjali fl-4 ta` Lulju 2000 kontra l-Ginekologu Dr Francis Bonello, l-Onor Ministru ta` l-Intern u Zvilupp Socjali, is-Segretarji Parlamentari fil-Ministeru ta` l-Intern u Zvilupp Socjali, it-Tabib Principali tal-Gvern, is-Supretendent ta` l-Isptar San Luqa u kontra Dr Roy Schembri Wismayer ghal kull interess li seta` jkollu.

Stqarr illi meta Maria Brincat rega` harget tqila, din intbaghtet ghall-kura Londra fi sptar li ghazlet hi u kienet taht il-kura ta` specjalista li ghazlet hi wkoll. Qal illi mhux soltu jsir hekk peress li solitament min jintbaghat barra minn Malta ghall-kura jintbaghat fejn ikun gie deciz mill-amministrazzjoni tas-Sahha skont il-ftehim li jkollha dik l-amministrazzjoni mal-pajjiz partikolari. Il-Gvern hallas ghall-akkomodazzjoni ta` Maria Brincat. Din ghazlet li tkun akkumpanjata mill-familja taghha u ghazlet li tfittex post hi fejn tmur tabita. Il-Gvern ma ghamilx tajjeb ghall-akkomodazzjoni tal-membri tal-familja li ghazlu li jakkumpanjaw lil Maria Brincat gewwa Londra ; lanqas ma hallas il-kera tal-post li Maria Brincat ghazlet li tghix fih hi. Li ghamel il-Gvern kien illi hallas lil Maria Brincat l-ammont li kien ser johrog li kieku hi ghazlet li tghix fil-post fejn kien ghazel il-Gvern, u cioe` mas-Sorijiet Frangiskani ta` Londra.

Qal ukoll illi l-Gvern kien sab anke post tax-xoghol lir-ragel ta` Maria Brincat bhala skrivan fil-Kummissjoni Gholja ta` Malta gewwa Londra. Il-paga li kellu Malta bhala ghalliem kienet tigi trasferita lilu xorta wahda u b`hekk l-attur ma tilifx il-paga kemm dam l-Ingilterra ma` martu. Il-kura li nghatat Maria Brincat kienet adattata ghaliex it-tarbija twieldet tajjeb. L-ispejjez tal-kura ta` Maria Brincat u tas-servigi lilha resi thallsu fl-intier taghhom mill-Gvern ta` Malta.

**<u>It-Tabib Dr Vincent Moran</u>** xehed illi huwa ma kellu x` jaqsam xejn mal-grajjiet li taw lok ghall-pretensjonijiet ta` l-atturi. Huwa ma kienx responsabbli personalment ghal danni li l-atturi setghu sofrew. Il-facilitajiet fl-Isptar San Luqa kienu adegwati u ma kien hemm l-ebda nuqqas. Il-persuni li materjalment ghamlu l-interventi u l-ezamijiet fuq l-attrici kienu professjonalment kwalifikati u kellhom l-esperjenza necessarja u adegwata li jeffettwaw l-interventi u l-ezamijiet. Il-grajjiet li wasslu ghal din il-kawza graw fi zmien meta Malta ghaddiet minn ghaxar (10) snin ta` *strike* kontinwu tat-tobba. Madanakollu matul l-istess perijodu, kienu ntrodotti servizzi godda b`mod effettiv u b`success. Minkejja l-emergenza li nholqot, l-ingagg ta` *staff* dejjem sar kif suppost u skont il-proceduri stabbiliti inkluza l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Fil-laboratorju, in partikolari fil-*Blood Transfusion Department*, kien hemm bhala Kap ta` Dipartiment il-Professur Gatt li kien *fully qualified* u kellu esperjenza kbira fix-xoghol tal-laboratorju u teknologija. Fl-istess zmien, kienu gew impjegati zewg konsulenti barranin fl-amministrazzjoni tal-*Blood Transfusion* u espert Malti li kellu l-kwalifiki kollha necessarji u cioe` Dr Albert Farrugia. Kien ukoll impjegat *lab analyst* iehor kwalifikat u cioe` Mr Meachen.

Irrefera ghal dak li jirrizulta fil-paragrafu 2.6 et seq ta` l-*In House Report* tal-bord kompost minn maghmul minn Dr A. Vassallo, Dr E.A. Agius u Col. T. Warrington. Skont ir-rapport, l-ebda nuqqas ma kien attribwit lill-Ministeru jew lid-Dipartiment tas-Sahha. Insista li d-Dipartiment tas-Sahha ghamel kollox fil-poteri tieghu sabiex ikollu *Blood Transfusion Department* b`nies ikkwalifikati. Id-Dipartiment fl-ebda hin ma kellu xi hjiel li l-persuni fil-*Blood Transfusion Department* ma kinux qed iwettqu d-dmirijiet taghhom kif kien mistenni minnhom.

Sostna li ghalkemm fic-citazzjoni hemm allegat li t-tieni tarbija ta` l-attrici twieldet mejta minhabba n-nuqqas ta` ghoti ta` *Anti D* wara l-ewwel tarbija, dan ma setax jigi stabbilit b`certezza, ghax tul it-tqala, il-pazjenta sarulha diversi *amniocentesis* (tnehhija ta` ilma minn gol-borza tat-tarbija fl-intern) liema minnhom saru minghajr success. Ma setax jigi eskluz li dawn setghu kkontribwew ghall-mewt tat-tarbija. Dan huwa wkoll ikkonfermat fil-paragrafu 7.2 ta` l-*In House report.* Il-Bord ta` Inkjesta ma kienx fil-pozizzjoni li jattribwixxi l-mewt tat-tarbija ghall-izball allegatament mehud mill-*personnel* kwalifikat ta` l-isptar fis-6 ta` Mejju 1987.

Qal illi l-procedura li kienet fis-sehh fiz-zmien li huwa kien Ministru, rigwardanti l-mod kif isir it-test tad-demm u kif jigi *recorded* baqghet fis-sehh fit-totalita` taghha u ghadha hekk sa llum. Il-*personnel* mediku li kien hemm jahdem fl-Isptar fiz-zmien in kwistjoni lkoll kienu kkwalifikati u llum uhud huma konsulenti u specjalisti.

Fil-**kontroezami**, Dr Moran spjega li huwa sar jaf bil-kaz tal-attrici meta rcieva c-citazzjoni peress li huwa spicca minn Ministru wara l-elezzjoni tal-1987. Ikkonferma li l-izball kien jikkoncerna *rhesus incompatibility* izda spjega li ma kellux opportunita` jistabbilixxi kif kien sar l-izball. Kien hemm is-CGMO u l-Kap tad-Dipartiment li kienu jittrattaw il-problemi tad-dipartimenti taghhom u mhux bilfors kienu jirreferu kwistjonijiet lilu. Il-problemi li ssemmew fl-*In house report* sar jaf bihom meta ra l-istess rapport. Huwa kkonferma li dak iz-zmien, fil-laboratorju kienu jitharrgu *student technicians.* Illum qal li ma jafx jekk dan ghadux isir. Ma jafx jekk dawn l-istudenti kinux jithallew jaghmlu t-*tests* huma u johorgu r-rizultati f`isem il-laboratorju. Hadd ma gibidlu l-attenzjoni illi r-rizultati tal-analizi tad-demm kienu jinhargu minghajr firem identifikabbli ta` *technicians* jew addirittura minghajr firma. Bhala Ministru, huwa kien ifittex u jimpjega persuni kkwalifikati.

## III. Il-posizzjoni tal-konvenut Tabib Dr Vincent Moran

Fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2014, l-atturi pprezentaw nota ta` cessjoni tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Tabib Dr Vincent Moran. Fin-nota l-atturi ddikjaraw li ma kienu qeghdin jippretendu xejn minghand Dr Moran personalment. Fl-istess udjenza l-istess konvenut iddikjara li ma kien qed jippretendi xejn minghand l-atturi.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici hekk kif dedotti kontra l-konvenut Tabib Dr Vincent Moran.**

## IV. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ; Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha ; u Kenneth Grech li f`ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-Tabib Alfred Grech

Il-kawza tal-lum hija mpostata mill-atturi bhala mizzewgin u bhala komponenti ta` familja. Il-konjugi Brincat qeghdin it-tnejn jitolbu l-likwidazzjoni u hlas ta` danni li garrbu anke ghaliex jikkontendu illi d-dritt taghhom li jiffurmaw

familja skont id-decizjonijiet u l-ghazliet taghhom kien serjament ippregudikat. Il-konkluzjoni tal-perit legali ssegwi l-istess linja meta jghid illi l-formazzjoni ta` familja hija frott tal-hidma tal-mara u tar-ragel flimkien ; fil-kaz tal-lum, l-atturi.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) tat-12 ta` Dicembru 2001 fil-kawza "**<u>Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et</u>**" il-Qorti kienet rinfaccjata b`eccezzjoni simili u rrimarkat hekk :-

*"Illi l-konvenuti eccepew illi l-attur Emmanuel Sammut m`ghandu ebda "locus standi" f`dawn il-proceduri stante li d-danni huma materja personali u parafernali. Illi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda stante li skond l**artikolu 1322 (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta** "Il-jedd li jitwettqu l-atti ta` amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li xi wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu lizzewg mizzewgin flimkien." Illi m`hemm l-ebda dubju li li tiftah kawza huwa att straordinarju, anki ghaliex kwalunkwe spejjez involuti ser jinhargu mill-komunjoni tal-akkwisti,u kwindi l-attur ghandu locus standi fil-kawza odjerna. Inoltre` l-inkluzjoni ta` Emmanuel Sammut filprocedura odjerna tassigura l-integrita` tal-gudizzju.*

*Illi apparti dan l-azzjoni ta` danni fiha nnfisha tidhol filkomunjoni tal-akkwisti, u kull rikavat mill-istess naturalment huwa parti mill-komunjoni tal-akkwisti u fl-opinjoni ta` din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li kull ammont li jista` jigi likwidat f`din il-kawza jifforma parti millistess komunjoni, iktar u iktar meta si tratta ta` kumpens ghall-allegata disabilita` permanenti li tinfluwixxi fuq il-kapacita` o meno tal-parti li wkoll tikkontribwixxi ghallistess komunjoni. Illi f`dan is-sens l-istess mertu ta` din ilkawza jidhol taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1320** inkluzi **(a) (b)** u anke **(d)."***

Ghalkemm is-sentenza kienet riformata mill-Qorti tal-Appell b`sentenza taghha tat-12 ta` Ottubru 2006, ir-riforma tas-sentenza tal-Ewwel Qorti ma kenitx tinvolvi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni partikolari.

Dak li nghad fis-sentenza appena citata jghodd ghall-kaz tal-lum.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni**.

**V. <u>It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti</u>**
**<u>Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ;</u>**

**Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha ; u Kenneth Grech li f`ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-Tabib Alfred Grech**

Fiz-zmien meta kienet pprezentata din il-kawza, ma kienx hemm fis-sehh l-Art 181B tal-Kap 12 billi din id-disposizzjoni dahlet fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995.

Madanakollu, **l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha (Kap 94)** kienet fis-sehh meta saret din il-kawza. L-Ordinanza tistipola b`mod car kif kien kostitwit id-Dipartiment tas-Sahha u x`kienu d-dmirijiet u s-setghat ta` l-istess.

**Fl-Art 3 tal-Kap 94** jinghad :-

*Ghandu jkun hemm Dipartiment tas-Sahha.*

**Fl-Art 4 tal-Kap 94** jinghad :-

*Il-kap tad-Dipartiment tas-Sahha huwa t-Tabib Principali tal-Gvern u dan ex officio Suprintendent tas-Sahha Pubblika.*

**L-Art 16(1) tal-Kap 94** ighid :-

*It-Tabib Principali tal-Gvern hu konsulent principali tal-Gvern dwar kull haga li ghandha x` taqsam mas-sahha pubblika jew li ghandha x` taqsam jew tkun konnessa mas-servizz tas-sahha.*

Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi t-Tabib Principali tal-Gvern kien legittimu kontradittur tal-atturi fiz-zmien meta saret il-kawza.

Fit-trattazzjoni bil-fomm, il-legali ta` l-atturi esprima ruhu fis-sens illi fiz-zmien meta giet ipprezentata l-kawza, kien hemm konfuzjoni shiha billi kienet ghadha kif saret l-Elezzjoni Generali b`amministrazzjoni tiehu post dik precedenti. Kien anke spjegat li peress li f`dawk iz-zminijiet, f`kaz li ma jitharrkux il-persuni kollha, seta` jigri li l-kawza tfalli minhabba nuqqas ta` integrita` fil-gudizzju, kien ghalhekk li kienu nkluzi dawk il-persuni kollha bhala konvenuti.

Tghid din il-Qorti illi ghalkemm fil-Kap 94 kien indikat illi t-Tabib Principali tal-Gvern huwa l-kap tad-Dipartiment tas-Sahha u l-konsulent principali tal-Gvern

dwar kull haga li ghandha x` taqsam mas-servizz tas-sahha, l-Ordinanza ma kinitx tispecifika illi fi proceduri gudizzjarji, huwa propju t-Tabib Principali tal-Gvern li kellu jigi mharrek ad eskluzjoni ta` persuni ohra.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi kienu korretti l-atturi meta tenut kont tal-ligi kif kienet vigenti fiz-zmien tal-presentata tac-citazzjoni, oltre t-Tabib Principali tal-Gvern, harrku wkoll lill-Ministru ghall-Politika Socjali, is-Segretarju Parlamentari ghas-Sahha u s-Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa.

Mhijiex tal-istess fehma fejn jirrigwarda t-Tabib Dr Alfred Grech.

Ghalkemm fiz-zmien lamentat mill-atturi t-Tabib Dr Alfred Grech kien fil-fatt it-Tabib Principali tal-Gvern, dak ma jfissirx illi Dr Grech, fil-kwalita` personali tieghu, distintament mill-kariga li kien jokkupa, kien jikkwalifika bhala legittimu kontradittur tal-attur propju ghaliex minn imkien ma rrizulta li Dr Grech kien involut direttament jew personalment fil-kaz tal-attrici. Ghalhekk hija l-fehma ta` ta` din il-Qorti illi kellu jitharrek it-Tabib Principali tal-Gvern *ut sic* bla ma tkun involuta l-persuna li kienet tokkupa dik il-kariga fiz-zmien lamentat mill-atturi.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni fejn din tirreferi ghall-konvenuti Ministru tal-Politika Socjali, Segretarju Parlamentari ghas-Sahha u Supretendent tal-Isptar San Luqa.**

**Izda qeghda tilqa` l-istess eccezzjoni fejn din tirreferi ghat-Tabib Dr. Alfred Grech u kwindi tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Kenneth Grech illi f`ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-Tabib Alfred Grech.**

## VI. It-tielet, ir-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ; Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha

Minn evalwazzjoni tal-fatti sottomessi fil-premessi tac-citazzjoni, jidher li kuntrarjament ghal dak li kien eccepiet, l-atturi kellhom kull dritt li jipprezentaw azzjoni ta` din ix-xorta, sabiex f` kaz li jigi dikjarat li l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli ghall-izball riferit fil-premessi u ghall-konsegwenzi ta` dak l-izball, jigu likwidati d-danni kollha konsegwenzjali.

Huwa minnu illi fit-talbiet taghhom, l-atturi talbu li jigu likwidati l-ispejjez necessarji bhala dawk ta` s-safar, u relocation barra minn Malta ghal skop ta` kura u trattament u nterventi mehtiega sabiex l-atturi jkunu jistghu jergghu ikollhom ulied fi zmien ragonevoli.

Madanakollu, fil-kors ta` din il-kawza, l-atturi kellhom wild iehor wara li marru Londra bl-assistenza tal-Gvern ta` Malta.

Inoltre, fil-mori tal-kawza, l-atturi ddikjaraw li ma kienx ser ikollhom aktar ulied.

Ma jidhirx li din il-Qorti ghandha tidhol ghal ezami dwar jekk kellhomx ragun l-atturi jaghmlu talba ghal spejjez futuri li fiz-zmien tac-citazzjoni kienu ghadhom ma sehhewx peress li kif diga` nghad jekk kellhom isiru xi spejjez in vista ta` dak li allegatament sehh, dawn effettivament kellhom isiru fil-mori ta` l-kawza, u ghalhekk ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala spejjez futuri li kienu ghadhom ma sarux u b` hekk li jista` jkun li ma kinux jimmeritaw li jkunu likwidati.

Dwar it-talba ghal likwidazzjoni ta` danni ndiretti, ma tressqu l-ebda provi jew sottomissjonijiet sabiex tigi elaborata din l-eccezzjoni.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tidhol f`analizi fil-mertu `il quddiem.

**Fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tichad it-tielet, ir-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-istess konvenuti.**

## VII. L-ewwel talba attrici

***u***

**d-disa` eccezzjoni tal-konvenuti**
**Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ; Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha**

Il-Qorti taghmel riferenza ghad-disposizzjonijiet segwenti tal-**Kap 16**.

**L-Art 1030** jaqra :-

*Kull min jaghmel uzu ta` jedd tieghu fil-qies illi jmiss ma jwegibx ghall-hsara illi tigri b`dan l-uzu.*

**L-Art 1031** jaqra :-

*Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu.*

Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li dak l-att igib mieghu.

**L-Art 1032** jaqra :-

*(1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta` dispozizzjoni espressa tal-Ligi, ghall-hsara illi tigri minhabba nuqqas ta` prudenza, ta` diligenza jew ta` hsieb fi grad akbar.*

Il-ligi taghna ma taghtix tifsira ta` *culpa* izda bhala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bhala dik l-imgieba fejn jirrizulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-*bonus paterfamilias*. Din id-disposizzjoni tikkorrispondi fil-kamp penali mal-Art 225 tal-Kap 9 li jitkellem dwar imgieba gejja min-nuqqas ta` hsieb, minn traskuragni, jew min-nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni, jew min-nuqqas ta` tharis tar-regolamenti.

**L-Art 1033** jaqra :-

*Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb illi jaghmel deni, ghax ikun irid jew b`nuqqas ta` diligenza, ta` prudenza jew ta` hsieb, jaghmel jew jonqos illi jaghmel xi haga ill biha jikser xi dmir impost mil-Ligi, huwa obbligat ghall-hsara illi tigri minhabba f`hekk.*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew*

*ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **<u>Kollez. Vol. XXX. I. 142</u>**).

Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "*l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **<u>Kollez. Vol. XLII. I. 74</u>**).

Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba mprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuz :

"*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **<u>Kollez. Vol. XLVIII. I. 258</u>**).

Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-**<u>Kollez. Vol. XXIV. I. 172</u>**, illi tissussisti l-*culpa* :

"*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*"

Imbaghad l-**<u>Art 1037 tal-Kap 16</u>** jiddisponi illi :-

*Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta` hila, jew illi hu ma jkollux raguni jahseb li hija ta` hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik ilpersuna, minhabba nuqqas ta` hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/GV</u>**) tat-28 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**<u>Nicholas sive` Lino Debono vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" inghad hekk dwar l-**<u>Art 1037 tal-Kap 16</u>** :-

*Biex jigi nvokat dan l-artikolu ta` dak li l-Inglizi jsejjhu `vicarious` liability`, il-ligi trid li jkun hemm :*

*(1) ir-relazzjoni ta` employer/employee ;*
*(2) culpa in eligendo ;*
*(3) l-att ta` l-impjegat li jikkawza danni lil terzi ; u*
*(4) id-danni jkunu rizultat ta` l-inkompetenza ta` l-impjegat.*

*Ghall-fini ta` l-interpretazzjoni ta` dana l-artikolu hu bizzejjed li jigi pruvat li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-employer ma kellux ragun jahseb li l-impjegat hu ta` hila. Wahda mill-ipotezijiet hija bizzejjed.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-12 ta` Dicembru, 2002 fil-kawza "**Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et**" (op. cit.) kienet trattata pretensjoni ghal danni risultanti minn allegat trattament hazin li rceviet l-attrici waqt operazzjoni li saret fl-Isptar San Luqa. *Inter alia* nghad hekk :-

*... Illi ghal dik li hija responsabbilta` tal-incident de quo skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta` Dicembru 1991).Illi ai termini tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** "jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, iddiligenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb ta` familja". Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) inghad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta` attenzjoni tieghu, b`negligenza u b`nuqqas ta`prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".*
*"Illi ghal dak li tirrigwarda l-azzjoni civili, din tirrisolvi ruhha f`kawza ghal dikjarazzjoni tar-responsabbilta` u ghall-hlas tal-eventwali danni sofferti inkluzi damnum emergens u lucrum cessans inkluz f`kaz ta` dizabilita` permanenti dak stipulat fl-**artikolu 1045".***

*Illi fl-opinjoni ta` din il-Qorti u kif gja fuq espress tirrizulta bla ebda dubju responsabbilta` u negligenza da parte taladdetti kollha tal-istess sptar li kienu involuti fil-kaz tal-attrici.*

*Illi apparti dan kollu l-istess konvenuti ecceppew ukoll ilculpa in eligendo pero` dan il-kuncett gie estiz filgurisprudenza nostrali mhux biss ghall-mument meta listess persuna tigi ngaggata, izda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa` hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b`negligenza u nuqqas ta` hila skond id-disposizzjonijiet fuq citati u l-**artikolu 1037 tal-Kap 16.***

*Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza **"Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija"** (A.C. (HH) l-1 ta` Marzu 1988) fejn inghad li "kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta` hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta` hila taghmel dannu lillhaddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi", b`dan li l-konvenuti ghandhom jirrispondu ghallinkompetenza u negligenza tal-addetti w impjegati taghhom, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kawzati lill-attrici.*

*Tal-istess portata hija s-sentenza **"Naudi vs Schembri"** (A.K. 13 ta` Mejju 1991) u **"John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. 21 ta` Jannar 1993); **"Eddie Fenech Adami et nomine vs Carmelo Bonello"** (A.C. 28 ta` Gunju 2002) u **"Jacqueline Cremona vs Water Services Corporation"** (P.A. (RCP) 30 ta` Mejju 2002. Citaz. Nru. 1480/95).*

*Illi l-konsegwenza ta` dan hija ghalhekk li l-vittma tad-danni subiti tista` tfittex kemm lill-persuni li ghamlu xxoghol, jew ikkawzaw id-dannu realment bl-atti u bl-operat taghhom, kif ukoll il-persuni li impjegaw lill-istess addetti kollox skont id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 1032 sa 1038,** b`dan li azzjoni kontra wiehed ma teskludiex lill-ohra, dment li l-istess vitma tithallas tad-danni fil-limiti biss ta` dak provdut fl-**artikoli 1045 u 1046.***

*... Illi l-istess konvenuti huma responsabbli mmaterjalment issirx l-identifikazzjoni tal-medici jew membri tal-istaff paramediku li kienu effettivament responsabbli ghal dan il- "malpractice", u l-istess konvenuti ghandhom jirrispondu kemm ghall-agir taghhom u kemm ghan-nuqqasijiet kawza ta` negligenza, traskuragini, nkompetenza u nuqqas ta` attenzjoni u debita kura li jigu attwati middipendenti taghhom u ghalhekk fl-isfond ta` dak fuq citat ma tistax tirnexxi d-difiza taghhom u dan ghar-ragunijiet fuq esposti u wkoll ghaliex il-funzjoni tal-Chief Government Medical Officer ma tieqafx biss fl-ghazla w lhatra tat-tobba u l-istaff mediku imma testendi wkoll ghassorveljanza u l-amministrazzjoni gornaljera tal-addetti tieghu, u fejn dawn jonqsu hu ghandu d-dover li jaghmel tajjeb ghad-danni kagjonati minnhom.*

Ghalkemm is-sentenza kienet riformata mill-Qorti tal-Appell b`sentenza taghha tat-12 ta` Ottubru 2006, ir-riforma tas-sentenza tal-Ewwel Qorti ma kenitx tinvolvi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-principji citati. Infatti fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell cahdet it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-konvenut Dr Frank Bartolo personalment, ikkonfermat ir-responsabilita` fil-konfront tal-konvenut Chief Government Medical Officer u fil-konfront ta` Dr Frank Bartolo bhala Supretendent tal-Isptar San Luqa, illikwidat quantum ta` danni nferjuri ghal dak stabbilit mill-Ewwel Qorti, u pprovdiet dwar il-kap tal-ispejjez diversament minn kif kien determinat mill-Ewwel Qorti.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-30 ta` Novembru 2010 fil-kawza "**Roberta Fenech Gauci vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et**" saret rassenja tal-gurisprudenza dwar *culpa in eligendo* :

*Illi hekk ukoll jinsab deciz li "`kull min ghal xi xoghol jew servizz iqabbad persuna mhux ta` hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara li dik il-persuna, minhabba nuqqas ta` hila taghmel dannu lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi` b`dan li l-konvenuti ghandhom jirrispondu ghall-inkompetenza u negligenza tal-addetti u mpjegati taghhom, u ghalhekk huma*

*responsabbli wkoll ghad-danni kawzati lill-attrici [...]"* ***("Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et"*** *deciza fit-12 ta` Dicembru 2002).*

*Illi wkoll fis-sentenza deciza fl-ismijiet* ***"Yvonne Cassone vs Alfred Calamatta"*** *(7 ta` Lulju 2004) il-Prim`Awla tal- Qorti Civili ikkonkludiet, f`kaz ta` serq minn fuq il-post tax-xoghol li kien wassal ghall-mewt ta` impjegat li :-*

*"Responsabbli ghal dan kollu primarjament huwa l-aggressur, pero`, dan ma giex imsejjah fil-kawza ; ghalkemm il-Pulizija ma kellhiex indizji konkreti dwar min kien l-aggressur, suspetti kien hemm u kieku gew kjamati in kawza l-allegati persuni suspetti, din il-Qorti, forsi, fuq grad ta` probabbilta`, kienet tikonkludi pozittivament dwar ir-responsabbilta` taghhom. L-aggressur, ghalhekk, baqa` terz injot, u ebda parti mit-tort ma tista` tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza ("Fenech vs Gaud", deciza min din il-Qorti fil-21 ta` Frar 1994). Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Camilleri vs Cutajar", deciza fid- 9 ta` Dicembru 1968,* ***"Jekk il-konvenut ma setax sejjah lil dan it-terz fil-kawza ghax ma jafux, m`hu ebda tort tal-atturi u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi hadd ghandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zsur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu r-riparazzjoni ghat-telf soffert minnhom"*** *(enfazi mizjuda).*

*... ma kienx l-agir tal-attrici ritrattrata izda l-agir inkompetenti u mhux ta` hila tal-impjegati tal-korporazzjoni u li allura listess korporazzjoni hija tenuta tirrispondi ghalihom skont id-disposizzjonijiet tal-****artikolu 1073 tal-Kap. 16*** *u linterpretazzjoni tal-istess artikolu (li fiha nfisha mhux suggetta ghar-ritrattazzjoni taht dan il-kap) giet sopportata mill-gurisprudenza hemm citata bis-sentenzi* ***"Michael Balzan vs Lawrence Ciantar"*** *(P.A. (DS) – 6 ta` Ottubru 2002) u* ***"Emmanuel Sammut et vs. Chief Government Medical Officer et"*** *(P.A. (RCP) – 12 ta` Dicembru 2002).*

*Din hija simili ghall-gurisprudenza citata mir-ritratta flismijiet* ***"Yvonne Cassone vs Alfred Calamatta"*** *(P.A. –7 ta` Lulju 2004) u* ***"Victor Cassar vs HSBC Bank Malta plc"*** *(P.A. – 3 ta` Marzu 2009).*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/DS**) tas-6 ta` Dicembru 2002 fil-kawza "**Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe et**" (konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta` Frar 2006 ghal dak li jirrigwarda r-responsabilita`) kien ravvizat li ghalkemm fil-ligi taghna, is-sid hu responsabbli ghal *culpa in eligendo* pero` fl-interpretazzjoni tal-Art 1037 tal-Kap 16 il-gurisprudenza recenti hija fis-sens li ghandha tkun determinata l-kawza u l-effett fis-sens illi jekk tirrizulta l-inkompetenza minhabba n-nuqqas tal-persuna imqabbda mis-sid, allura s-sid hu responsabbli ghax ma setax jassumi l-kompetenza (ara : "**Grech vs Kummissarju tal-Pulizija**" : Appell : 1.3.1988 : "**Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija**" : Prim Awla : 13.2.1987 : u "**Naudi vs Schembri et noe**" : Prim`Awla :13.5.1991).

Dan premess, fil-kaz tal-lum, mill-provi rrizulta ben evidenti illi sar ezami tad-demm ta` l-attrici fl-Isptar San Luqa u r-rizultat li nghatat kien wiehed zbaljat. Dan l-izball kellu konsegwenzi serji hafna.

**Fir-relazzjoni taghha, il-perit mediku** qalet is-segwenti dwar li gara fl-ewwel tqala tal-attrici :-

*1.1.1 Maria Brincat weldet tarbija, tifla b` sahhitha fil-5 ta` Gunju 1987 fl-ISptar San Luqa. Kienet taht il-kura ta` Mr F Bonello u t-tqala kienet bla kumplikazzjonijiet.*

*1.1.2 Fil-5.05.1987, kien intalab li jsir it-test tad-demm biex jigi mahdum il-`Blood Group` li gab Numru tal-Laboratorju A 4426 u kien irraportat :*

***A Rhesus Positive***
***Indirect Antiglobulin Test Negative***

*Ir-rapport fl-istorja medika (Dok HA) igib id-data ta` 18.05.87.*

*1.1.3 Fir-rapport tal-Inkjesta tad-Dipartiment tas-Sahha, jinghad li James Zahra, hadem it-test fis-6 ta`Mejju 1987 u Mr Meachen iffirma r-rapport, Dok HA fl-14 ta` Mejju 1987. (Inkjesta 2.6)*

*1.1.4 Skont l-istorja medika, Maria Brincat qatt ma kienet sofriet korriment, hemm imsemmi, fit-tieni u t-tielet tqala, li qatt ma kienet nghatat transfuzjoni tad-demm.*

Il-perit mediku taghmel dawn il-**konkluzjonijiet** :-

*3.1.1. Ma hemm l-ebda dubju li sehh zball fil-Blood Grouping fl-ewwel tqala. Is-Sinjura Brincat hi Rhesus negative mhux Rhesus Positive, kif kien irraportat fil-1987. Dan johrog acr mill-fatti fit-tieni tqal, kif imnizzel hawn that :*

*a. Ir-rizultat tat-test tad-demm, Lab No A 0988, li gie rikjest waqt l-ewwel vizta ta` l-isptar, li saret fil-04.05.1988, meta kellha 23 gimgha tqala (LMP 25.11.87; EDD 02.09.88), ir-rizultat hareg Rhesus Negative b` titre tal-antibodies ta` "up to 1 in 4" ;*

*b. Sar test biex ikkonferma dan ir-rizultat fit-tieni tqala (Lab No A1116, rikjest 18.5.88) ; u*

*c. Kull test tal-blood group li sar wara Mejju1988, dejjem irrizulta Rhesus negative.*

*3.1.2 Dan zball serju ghax fin-nuqqas tal-`anti-D`, wara l-ewwel tqala, kull tqala sussegwenti b` tarbija Rhesus positive kienet se tkun f` riskju ta` kumplikazzjonijiet minhabba `Rhesus Incompatibility`. Tarbija Rhesus positive tizviluppa Haemolytic Disease of the Newborn jew HDN, li tvarja fis-severita` minn effetti hfief sa dawk gravi, u sahansitra tista` twassal sal-mewt sew fit-tqala (still birth) jew f` tarbija tat-twelid.*

*3.1.3 Ir-rapport tal-Inkjesta jghid li s-Sur Brincat hu Rhesus positive 99% homozygous, DD u dan ifisser li bi probabilita` ta` 99%, it-tfal kollha tal-koppja ikunu Rhesus positive u ghalhekk ikollhom riskju li jizviluppaw il-marda HDN. Izda irrid nghid li r-rizultat tad-demm tas-Sur Brincat li hemm fil-file tal-Istorja Medika tas-Sinjura Maria Brincat isemmi biss li hu Rhesus positive minghajr ma jikkumenta fuq il-homozugosity.*

*3.1.4 It-tobba ma jistghux ibassru kemm se jkunu gravi l-effetti fuq it-tarbija fi tqala sussegenti. Hawn min ighid li l-gravita tkun komparabbli f` kull tqala u hawn min ighid li tizdied fis-severita.*

*3.1.5 Ma jistghax jinghad jekk is-Sinjura Brincat kienx ikollha bzonn bil-fors ta` kura barra minn Malta f` kull tqala sussegwenti, ghaliex dan ikun jiddependi mis-serverita` tal-marda tat-tarbija u mill-kura li tkun qed tinghata minn Malta f` dak iz-zmien partikolari.*

*3.1.6 Kieku ma sarx l-izball is-Sinjura Brincat kienet tircievi l-anti-D wara l-ewwel hlas u f` 99% tal-kazi ma kienx ikolla problem fit-tqala sussegwenti. Izda l-uzu tal-anti-D mhux dejjem jiggarantixxi li l-omm ma jkollix problem fit-tqala b` tarbija Rhesus Positive u li t-tarbija ma jkollix problem.*

*3.1.7 Mid-dokumenti tal-kaz u mix-xhieda fil-kawza ma jistghax jigi determinat jekk l-izball sarx qabel mal-kampjun tad-demm wasal il-laboratorju jew fil-laboratorju u lanqas minn min.*

*Dan minhabba li f` dak iz-zmien (Mejju 1987) ma kienx hemm procedura stabbilita li tista` tindika l-persuna li :*

*a) Mliet il-partikolari tal-formola tar-rikjesta ghat-test (eskluza l-firma tat-tabib, li giet ikkonfermata) ;*

*b) Kitbet il-partikolari fuq il-flixken tal-kampjuni ;*

*c) Hadet id-demm ;*

*d) Hadet il-kampjuni sal-laboratorju u wkoll meta*

*e) Ghamlet ir-registrazzjoni fil-laboratorju, sakemm il-kampjun inghata lit-technician biex jinhadem it-test.*

*Dan ifisser li matul dawn il-proceduri ma kienx hemm accountability (ara rapport tal-Inkjesta 3.5, 4.1, 4.2 u 7.4).*

*3.1.8 Huwa possibbli li l-izball sar waqt li kien qed jinhadem it-test. Hawn kienu jintuzaw metodi accettati universalment fil-qasam. Izda dejjem jibqa` possibilita` li jsir zball uman anki meta t-technician hu kompetenti.*

*3.1.9 F`Mejju 1987, meta sar it-test, il-laboratorju tad-demm kien jaqa` direttament taht ir-responsabilita` tad-Direttur tal-Patologija ghaliex ma kienx hemm konsulent mediku. Fil-laboratorju kien hemm analista kwalifikat biex imexxi x-xoghol tal-gurnata u dan, skond ix-xhieda tad-Direttur fl-Inkjesta, kien efficjenti f` xoghlu. It-testijiet tad-demm kienu jinhadmu that is-supervizjoni diretta ta` technicians kwalifikati u registrati skond il-ligi. Dawn kienu direttament responsabbli biex jiffirmaw ir-rizultati tat-testiiet li jkunu nhaddmu minnhom. Izda f` da nil-kaz ir-rapport kien iffirmat ukoll mill-analista responsabbli mill-Laboratorju. Kien hemm trainee techinicians fil-laboratorju izda dawn kienu jahdmu that is-supervizjoni tat-technicians kwalifikati u dawn it-technicians kienu jgorru r-responsabbilita` tax-xoghol.*

**<u>Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali</u>** jaghmel dawn l-osservazzjonijiet fuq l-iskorta tal-konkluzjonijiet tal-perit mediku :-

*12 A. Bhala punto di partenza wiehed jikkonstata li sar definitivament zball fil-blood grouping fl-ewwel tqala konsistenti filli Mrs Brincat hi Rhesus negative u mhux Rhesus positive kif rapportat fil-1987. Dan l-izball sar maghruf meta, fl-okkazzjoni tat-tieni tqala sena wara, lil Mrs Brincat sarilha t-test tad-demm.*

*B. Kieku fl-ewwel tqala r-rizultat kien korrett kienu jittiehdu prekawzjonijiet biex fit-tqala sussegwenti ma jkunx hemm Rhesus Incompatibility b` konsegwenzi, fil-kaz taht ezami, li kien fattur importanti ghall-mewt fil-guf tat-tarbija ta` Mrs Brincat.*

*C. Kieku ma sarx l-izball Mrs Brincat kienet tircievi l-anti-D wara l-ewwel hlas bi probabilita` ta` 99 fil-mija li ma kienx ikun hemm konsegwenzi fit-tieni tqala. D. ma jistax jigi stabbilit :-*

*a) jekk l-izball sarx qabel ma` l-kampjun tad-demm wasal fil-laboratorju jew fil-laboratorju*

*b) anqas nafu minn min sar l-izball.*

*Dana kollu ghax fiz-zmien rilevanti, Mejju 1987, ma kienx hemm procedura stabbilita li taghti l-indikazzjonijiet mehtiega – dana kif dettaljatament muri fir-rapport tal-espert mediku. Mela hawn johrog in-nuqqas ta` accountability. Jidher ukoll in-nuqqas ta` Internal Quality Control.*

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; is-Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; l-Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ; u l-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha ghandhom jerfghu r-responsabilita` ta` dak li gara lill-attrici skont l-ewwel talba, u ghandhom iwiegbu ghall-agir tal-impjegati taghhom. Din ir-responsabilita` tassumi rilevanza ta` sostanza meta wiehed iqis li l-pazjent li jfittex il-kenn tas-servizzi pubblici tas-sahha ghandu drittijiet mill-aktar elementari li huma universalment rikonoxxjuti.**

Il-konvenuti jinsistu li kien hemm *personnel* kwalifikat u supervizjonat minn *technicians* kwalifikati kif ukoll kien hemm mahtur Kap tad-Dipartiment b` referenza partikolari ghat-*Blood Transfusions* li kellu esperjenza kbira il-qasam (ara l-para. 2.7.3 ta` l-inkjesta). F`dan l-isfond, il-konvenuti jsostnu li ma ngabet l-ebda prova mill-atturi li b`xi mod tista` titfa` responsabbilita` li tammonta ghal *culpa in eligendo* fl-ghazla tal-*personnel* mid-dipartiment tas-sahha fil-*Blood Transfusion Department.*

**Fil-fehma ta` l-Qorti, tenut kont tal-assjem tal-provi, ma jregix l-argument tal-konvenuti li sabiex isostnu l-posizzjoni taghhom ifittxu kenn fid-disposizzjoni tal-Kodici Civili li tittratta l-*culpa in eligendo.***

**Huwa car u inewkivoku li fil-kaz tal-attrici sar zball <u>goff hafna li kellu konsegwenzi gravi</u> tant li fl-inkjesta interna li saret bhala konsegwenza ta` l-akkadut kiene deskritt hekk :**

***"the error was a serious one as it seriously prejudiced future pregnancies."***

Il-konvenuti ma jistghux imorru ghall-iskuzanti li dan kien jammonta ghal zball uman fl-amministrazzjoni interna tad-Dipartiment tal-*Blood Transfusion*, partikolarment meta jigi kkonsidrat li fir-rapport ta` l-inkjesta interna, jirrizulta li fit-*tests* tad-demm kienu qeghdin isiru hafna zbalji serji :

*"2.6 1 (d) Of the 32 samples tested (as listed on the above mentioned worksheet) 6 were reported Rh negative. However checking some of the histories of patients listed on the Register for the above dates, showed that sampla A 4429 belonged to XX from Zebbug, I.D. no xxx, also from Antenatal Clinic, was reported as A Positive on the worksheet, A Positive on the laboratory report from sent to the ward, but as Rh negative on the General Serology Register … "*

F` parti ohra ta` r-rapport tal-inkjesta, intqal li :

*"(iii) The Board was shocked to hear of the inefficiency of the system. There are so many occasions of discrepancies that a register (Dok P) was started at Antenatal Clinic of cases where discrepancies have occurred. Between March 1989 and April 1990, at least 9 patients (under the present systems) had discrepancies in their test results. Several others have had results which are at variance with their previously known Blood group (done at St Luke`s Hospital or elsewhere). The person in charge of the Blood Transfusion Department should see into this."*

Ma tistax tregi r-riferenza li uhud mill-konvenuti jaghmlu ghas-sentenza "**Rose Gauci et vs** **Donald Felice et**" deciza fil-31 ta` Ottubru 2008.

Dan jinghad peress li hemm kienet trattata kwistjoni fejn kienu mharrka t-tobba jew specjalisti li effettivament ghamlu l-operazzjoni mertu ta` dik il-kawza. Huwa f`dak l-ambitu li kienet iccitata dik il-gurisprudenza riferita mill-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub. Sabiex tabib ikun civilment responsabbli ta` negligenza, u allura jkun responsabbli ghal danni, trid tirrizulta mprudenza jew nuqqas ta` hila ; mhux bizzejjed li ghax intervent ta` kirurgija ma jkunx irnexxa allura dak il-fatt wahdu jgib responsabilita` konsegwenzjali.

Tal-lum huwa kaz *del tutt`altro cielo.*

Tant huwa hekk illi l-kawza tal-lum ma kenitx imsejsa fuq il-premessa li l-konsulent li kien qed jsegwi l-ewwel tqala u t-tieni tqala ta` l-attrici ghamel zbalji fid-decizjonijiet tieghu dwar il-mizuri li kellhom isiru fuq l-attrici u l-wild li kien ghadu fil-guf.

Il-kawza tal-lum hija mpernjata fuq zball li sar meta fit-test tad-demm ta` l-attrici kien indikat *blood group* hazin li kkaguna konsegwenzi negattivi fit-tqaliet futuri ta` l-attrici ghaliex wara l-ewwel tqala ma nghatax dak li kellu jinghata lil omm biex tigi evitata r-*rhesus incompatibility*.

**Ghal din il-Qorti l-izball gravi illi sehh, bil-konsegwenzi kollha tieghu, ma jistax, u lanqas ghandu, jigi skarikat fuq il-persuni li – tajjeb jew hazin - ghamlu l-verifiki, izda fuq id-deficenzi tas-sistema tas-sahha pubblika fit-totalita` taghha, li minhabba l-mankanzi nterni taghha, ma kenitx kapaci li tizviluppa sistemi ta` prevenzjoni sabiex ma jsirux zbalji daqstant serji li jhallu effett daqstant gravi fuq il-hajja tal-persuni.**

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel talba kif dedotta kontra l-konvenut Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, is-Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, l-Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u l-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha, u konsewgwentement qeghda tichad id-disa` eccezzjoni tal-istess konvenuti.**

## VIII. It-tieni u t-tielet talbiet attrici

Bit-tieni domanda, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta` responsabilita` ghal danni partikolari naxxenti u konsegwenzjali ghall-ewwel talba, waqt li bit-tielet domanda, l-atturi talbu l-likwidazzjoni ta` d-danni konsegwenzjali, inkluzi dawk futuri u ndiretti.

Qabel ghadda sabiex jillikwida d-danni li fil-fehma tieghu ghandhom jigu likwidati favur l-atturi, il-perit legali ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*Il-punt KRUCJALI hu meta nigu biex nikkwantifikaw id-danni. Dan hu problema li jehtieg u ghandu jigi affrontat. Fir-rigward l-esponent izomm quddiem ghajnejh is-segwenti :*

*a) Fejn hu preciz li wiehed ikun ezatt matematikament, ghandu jsir dan, izda fejn dan hu mpossibbli wiehed m` ghandux jaqta` qalbu izda ghandu jersaq vicin kemm jista` jkun u jkun gwidat minn dak li hu xieraq u sewwa.*

*b) Wiehed irid ifittex li jkun gust sew mad-danneggjat kif ukoll mad-danneggjant.*

*c) Id-danni jinghataw darba ghal dejjem ; fil-kaz prezenti ghalkemm il-Gvern kien wera ruhu preparat li jghin anke fi tqaliet ohra apparti t-tielet tqala li ntemmet b` wild b` sahhtu, bhala fatt il-koppja Brincat waqfet hemm.*

*d) Ghal diversi ragunijiet li wiehed m` hemmx ghalfejn jidhol fihom, dal-process ha zmien twil u certi tnaqqisjiet li f` cirkostanzi ohra jsiru, hawn m` hawnx lokhom.*

*e) Fil-kawza prezenti, l-atturi qed ifittxu rimbors u hlas ta` danni li garrbu huma precizament bhala danneggjati. M` hemmx fin-nofs xi ezercizzju ta` eredita`. Mhux ser tqieghed quantum fuq ras xi hadd u tistaqsi "a chi spetta?"*

**In linea generali**, huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "*l-attur ghandu kemm jista` jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*" ("**Tufigno vs Micallef noe**", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta` April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga` jitqieghed ***ragonevolment*** fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f`somma li ***ragonevolment*** twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**"Galea pro et noe vs Gatt et"** – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta` Novembru 1958 ; **"Zammit vs Calleja"** – Appell Inferjuri – 12 ta` Jannar 1977 ; "**Sant vs Borg" –** Prim` Awla tal-Qorti Civili, 3 ta` Ottubru 1979**)**.

Din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jadotta dawk il-mizuri kollha ***ragonevoli*** biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, u jekk jirrizulta li ma jkunx ha dawk il-mizuri, allura dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll principju tad-dritt li ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ***ragjonevoli*** sabiex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitghabba b`pizijiet sabiex jirreduci l-hsara.

Il-kwistjoni ta` x`inhu ***ragjonevoli*** li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi materja ta` fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta` kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f`dan ir-rigward specifiku jaqa` fuq il-konvenut. (ara - "**Aquilina vs Schembri**" – Qorti tal-Appell [Sede Civili] - 24 ta` Jannar 1969 ; "**Xuereb vs Livick et**" – Qorti tal-Appell Inferjuri – 3 ta` Novembru 1956 **Kollez. Vol. XXXVII.I.478** u **Kollez. Vol. XXXVIII.I.249**).

Dan premess, fil-kaz tal-lum, il-kwantifikazzjoni tad-danni mill-perit legali saret kif gej :-

**Spejjez inkorsi waqt it-tielet tqala ta` l-attrici**

Fit-tielet tqala taghha, l-attrici flimkien ma` zewgha u bintha marru jghixu fl-Ingilterra minn Settembru sa Marzu sabiex it-tqala tkun tista` tigi monitorjata tajjeb u jinghata t-trattament necessarju sabiex il-wild jitwieled qawwi u shih kif fil-fatt kien il-kaz. Din il-htiega skattat peress li wara l-ewwel tqala ma ttiehdux il-prekawzjonijiet biex fit-tqala sussegwenti ma jkunx hemm *Rhesus Incompatibility*.

Il-perit legali wasal ghal dawn id-*damnum emergens* :-

1. Passagg bl-ajru Malta – Londra : Lm 108
2. Passagg bl-ajru Londra – Malta : Lm 127
3. Kaxxa mibghuta qabel bil-posta : Lm 21.02
4. Akkomodazzjoni ghand is-Sorijiet Londra : GBP 237.00
5. Bilanc tal-kera ta` flat Londra ghal 23 gimgha peress li l-Gvern hallas biss parti mill-kera : GBP 782.00

Il-perit legali jghid :

*Dak li msemmi fil-para 34 supra, i.e. spejjes ta` passaggi bl-ajru, garr ta` kaxxa bl-affarijiet u akkomodazzjoni f` Londra ghandu jitqies bhala danni dovuti bi precizjoni. Fejn dawn huma ndikati fl-isterlina, l-esponent qed jiehu r-rata ta` kambju ta` bhalissa, STG 1 = EUR 0.87010. Mela £ STG 1019 igibu EUR 886.63c.*

*Allura ghandna hekk: -*

| | |
|---|---|
| *Items 1,2,3 (Lm 256.02)* | *EUR 596.366* |
| *Items 4,5 (STG £1019)* | *EUR 886.632* |
| | *EUR 1,482.998* |

**Bhall-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-ispejjez kienu sostnuti b`ricevuti.**

Min-naha taghhom, il-konvenuti jsostnu li l-ispejjez kollha in konnessjoni mat-trattament u kura ta` l-attrici fl-Ingilterra saru mill-Gvern ta` Malta, u li l-Gvern m`ghandu l-ebda obbligu li jhallas l-ispejjez nkorsi mill-attur ghalih u ghat-tifla tal-atturi. Il-konvenuti jinsistu illi ma ghandhomx ihallsu l-ispiza reklamata ghall-akkomodazzjoni tal-atturi u ta` binthom ghaliex skont il-konvenuti l-Gvern kien sab residenza komda ghall-attrici u semmai hija kellha toqghod hemmhekk.

**Din il-Qorti tirrespingi l-argument tal-konvenuti.**

Fl-ewwel lok, ghandu jinghad li, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kienet haga naturali u essenzjali li l-attrici fl-istat ta` tqala taghha tkun akkumpanjata barra mill-pajjiz mill-*immediate family* taghha u cioe` minn zewgha u mill-unika wild taghha u cioe` bintha li kienet ghadha ta` tenera eta`. Kien ghal kollox ragonevoli li l-attur jakkumpanja lil martu barra mill-pajjiz sabiex jaghtiha l-assistenza kollha li tehtieg f`mument sensittiv u delikat tal-esistenza taghha. Daqstant iehor kien ragonevoli li mal-atturi jkun hemm l-unika wild taghhom sabiex ma tkunx distakkata mill-genituri taghha, u kif ukoll sabiex bil-presenza taghha tkun anke hi ta` wens ghalihom.

Fit-tieni lok, il-Qorti ssibha difficli biex taccetta kif familja ta` tlett persuni, bl-omm tqila u bi problemi fit-tqala, tista` tghix ghal xhur go kamra wahda pprovduta lilhom mis-Sorijiet Frangiskani. Ma kienx b`kapricc li l-attur fittex post alternattiv ta` residenza ghalihom bhala familja. Anke mill-punto di vista ta` sostentament, l-arrangament li kellu l-Gvern mas-Sorijiet Frangiskani kien insufficjenti sabiex ikopri l-bzonnijiet tal-atturi u ta` binthom.

**Bhall-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ghandhom jigu risarciti l-ispejjez likwidati mill-perit legali fil-paragrafu 42 tar-rapport tieghu u cioe` €1,482.998.**

**Kumpens ghal differenza fl-gholi tal-hajja**

Il-perit legali ghamel likwidazzjoni ta` l-ammont ta` €3,410.79c ghar-raguni segwenti :-

*L-atturi damu l-Ingilterra bejn is-17 ta` Settembru 1989 u l-11 ta` Marzu 1990 mela 196 jum b` kollox. L-esponent ihoss li hu xieraq li jigu konservativament allokati STG £20 kuljum ghal ikel u transport u xi infieq zghir, over and above milli kienu jonfqu kieku baqghu Malta. Dan igib somma globali ta` £ SG 3,920 mela issa EUR 3,410.79c.*

**Bhall-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ghandhom jedd ghal risarciment ta` danni ta` din ix-xorta. Ghalhekk l-ammont ta` €3,410.79 qed jigi konfermat.**

**Telf ta` qliegh da parti ta` l-attrici**

Il-perit legali ghamel likwidazzjoni ta` Lm 10,000 ghal telf ta` xoghol li garrbet l-attrici.

Ighid hekk :-

*Dwar telf ta` qliegh minn naha ta` l-attrici il-pozizzjoni hi din : l-atturi zzewwgu fil-15.08.86 meta hi kienet ga gradwata B.Pharm waqt li l-kors tal-B.Sc fl-information technology kienet bdietu fl-1985. Fl-1999 (meta xehdet) kienet manager mal-MITTS. L-ewwel tarbija twieldet fl-05.06.87 u kienet waqfet tahdem fil-bidu tat-tqala b` Nicole. It-tielet wild (f`Londra) Bernard twieled fid-9 ta` Jannar 1990. Irriprendiet tahdem fil-1991 jew 1992. Huma qed jippretendu kumpens ghal nuqqas*

*ta` xoghol ghal sentejn "wahda minhabba s-sitwazzjoni nfisha" u l-ohra ghax kellha tittardja biex tiggradwa B.Sc. Ta` dan qed jippretendu Lm 12,000. Meta jhares lejn id-Dok KK1- KK4 l-esponenti ihoss li, arbitrio boni viri, quantum xieraq hu ta` Lm 10,000 mela EUR 23,300."*

Mill-provi prodotti, irrizulta li l-attrici waqfet tahdem bhala spizjara xi tlett xhur qabel twieldet l-ewwel tifla ; din twieldet fil-5 ta` Gunju 1987. L-attrici rega` harget tqila t-tieni darba f`temp qasir. Matul dik it-tieni tqala ma rrizultax illi hadmet jew li ppruvat tahdem. It-tarbija twieldet mejta (ghar-ragunijiet diga` ampjament imfissra) fis-26 ta` Lulju 1988. Meta ppruvat terga` tibda tahdem ta` spizjara wara dak li sehh fit-tieni tqala taghha, ma rnexxiliex minhabba t-trawma emotiva u psikologika li ghaddiet minnha. Hija spjegat li kienet giet offruta xoghol *part time* fl-1988 izda kellha tirrifjuta. Irrizulta wkoll li l-attrici li kienet qed isegwi kors fl-*Information Technology,* kellha taghmel l-*finals* f` Settembru 1990 minflok f` Jannar 1990, u per konsegwenza, waqghet lura ghal fejn shabha li ggradwaw qabilha, u li issa qeghdin targa aktar `il fuq minnha fil-post tax-xoghol. Qalet ukoll fl-1989, hija kienet offruta xoghol ma` kumpannija ta` l-*Information Technology* izda kellha tirrifjuta l-impieg billi kellha ssiefer in vista tat-tielet tqala taghha.

**Din il-Qorti qieset il-fatti tal-kaz. U propju ghalhekk ma tistax tikkondividi l-fehma tal-perit legali.**

Li kieku l-attrici kienet tahdem u per konsegwenza tat-tielet tqala taghha giet kostretta li tittermina dak l-impjieg, din il-Qorti kienet tifhem il-htiega ta` likwidazzjoni ta` danni ghal telf **attwali** ta` qliegh. Izda fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici kienet ghaddejja minn fazi fejn kienet qed tibni l-familja taghha u ghalhekk kienet hadet id-decizjoni li tieqaf mill-impjieg waqt it-tqala taghha, bil-hsieb li terga` tkompli bil-karriera wara t-twelid u forsi wara li l-wild jibda jmur l-iskola. Dan qed jinghad mhux sabiex il-Qorti taghmel xi *stereotype* ta` dak li kien jigri f`dawk iz-zminijiet izda qed jinghad in korraborazzjoni mal-provi akkwiziti fil-kawza tal-lum fejn l-attrici stess stqarret li hija kienet itterminat l-impjieg taghha fl-ahhar tlett xhur ta` l-ewwel tqala taghha u imbaghad ma ssemmi xejn li marret tfittex xoghol wara li kellha l-ewwel wild taghha u qabel ma` bdiet bit-tieni tqala taghha. Anke l-attur xehed li huwa ma jiftakarx li martu kellha impjieg bejn l-ewwel u t-tieni tqala taghha. Provi illi wara t-tieni tqala taghha l-attrici fittxet impjiegi ohra huma biss fis-sens li kellha offerta biex tahdem *part–time* bhala spizjara u offerta ohra ma` kumpannija ta` l-*IT.*

**Anke wara li rat id-dokumenti li rrefera ghalihom il-perit legali, din il-Qorti tqis illi l-pretensjoni tal-attrici dwar telf ta` qligh taghha ma kenitx sodisfacjentement ippruvata tenut kont tal-kriterju tal-attwalita` tat-telf hekk kif kontemplat fil-ligi taghna.**

**<u>Telf ta` qliegh da parti ta` l-attur</u>**

Dwar l-attur, il-perit legali spjega li :

*Dwar l-attur, jinghad fl-ewwel lok li l-pretensjoni tad-differenza bejn is-salarju normali tieghu f` Malta (li rcieva regolarment fil-196 jum li dam Londra) u dak li kien ikun dovut lilu kieku, bhala impjegat tal-Gvern Malti, ntbaghat jahdem mill-Foreign Office ghal ma` Malta House f` Londra, hi <u>insostenibbli</u>. B`danakollu, haqqu xi kumpens ghax-xoghol li tilef bhala gwida u ghat-telf li garrab fir-rigward tal-intrapriza tal-istampar ma` tal-familja. F`din tal-ahhar jidher li "bejn tal-familja" l-affarijiet ma tantx marru tajjeb u l-grajja tas-safar m`ghenietx imma anqas jirrizulta li kienet xi fattur determinant biex l-attur falla jew ma rnexxiex f` din il-linja. Hawnhekk, wara li wiehed iqis li s-salarju ewlieni ta` Mr Brincat baqa` ghaddej, hu xieraq li, arbitrio boni viri, jinghata kumpens fil-quantum ta` Lm 2,000 mela EUR 4,660.*

Il-Qorti **<u>taqbel mal-perit legali</u>** meta jghid illi hija nsostenibbli l-pretensjoni tal-attur ghall-hlas tad-differenza bejn is-salarju normali tieghu gewwa Malta u dak li kien ikun dovut lilu li kieku bhala mpjegat tal-Gvern Malti ntbaghat jahdem fil-Kummissjoni Gholja ta` Malta go Londra mill-Ministeru Ghall-affarijiet Barranin.

Il-Qorti **<u>taccetta</u>** illi l-attur ghandu jedd ghal kumpens ghas-sitt xhur li l-familja Brincat kienet l-Ingilterra in konnessjoni mat-tielet tqala.

Il-Qorti **<u>ma taqbilx mal-perit legali</u>** meta akkorda kumpens lill-attur ghal telf konness mal-azjenda tal-istampar tal-familja.

Dwar ix-xoghol tal-attur bhala gwida *part time* il-Qorti ezaminat id-dokumenti tat-taxxa fuq medda ta` snin u ssib li matul is-snin kellu dhul regolari matul is-snin ghalkemm kien ivarja. Ma ghandux ikun hemm dubju li go Londra ma setax jaghmel dak ix-xoghol biex ighin il-familja.

**Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ghandu jircievi risarciment fl-ammont ta` <u>€1,500</u>.**

Dwar l-azjenda familjarji, il-Qorti tghid illi ma tressqux provi dwar it-*turnover* jew qligh ta` dan in-negozju. Lanqas ma tressqu provi dwar l-andament ta-negozju sabiex forsi wiehed jasal ghal telf. Lanqas ma xehdu familjari tal-attur li kienu ndikati mill-attur bhala nvoluti fin-negozju.

Fejn ikun hemm insufficjenza jew assenza ta` prova dwar danni, hija dejjem rakkomandabbli kawtela fil-mument tal-likwidazzjoni biex jigi evitat pregudizzju lill-parti l-wahda jew onerozita zejda lill-parti l-ohra. Ghandu dejjem jitqies illi l-funzjoni primarja tar-risarciment hi dik tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr tal-qaghda *ante quo* l-fatt leziv tad-dritt. Fl-istess waqt tibqa` tinkombi fuq l-atturi l-prova tal-effettiva esistenza tad-dannu.

Fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, il-Qorti m`ghandhiex timla` l-vojt li hallew l-atturi billi tiehu hija l-inizjattiva li tipproponi soluzzjoni ekwitattiva. Il-gudikant ma jistax jipprexxendi mill-fatt illi l-parti attrici mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fatti li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-derminazzjoni tat-telf.

Il-gudikant ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji ta` l-apprezzament prudenti addottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni. Bil-grajja specifika taghha, din tal-lum tibqa` kawza ghal danni, u ghalhekk il-komputazzjoni tad-danni trid issir bil-mod kif solitament isir fil-massa ta` kawzi ta` din ix-xorta. Likwidazzjoni tad-danni *arbitrio boni viri* ssir meta jkun difficli ghall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji d-danni li huwa effettivament ikun sofra. Ma jistax jinghad li hekk kien il-kaz tal-lum.

**<u>Telfien tat-tieni wild</u>**

Finalment il-perit legali ttratta t-telfien tat-tieni wild, li nghata l-isem ta` James. Il-konkluzjoni tieghu kienet :-

*Nigu issa ghat-telfien ta` James. Meta tilfu lil dan, il-konjugi Brincat, genituri, tilfu hlejqa indirizzata lejn l-ahhar stadju tat-twelid ta` tarbija : il-persuna umana bl-attribwiti kollha taghha. Ma tilfux xi "pet". Hawn mhux si tratta ta` xi "petium doloris" imma danni li bilkemm tqeghedhom taht "lucrum cessans" kieku mhux ghax teknikament tikklassifikhom hekk. F`dan ir-rigward, dejjem arbitrio boni viri, ghax impossibli jsir mod iehor, l-esponent jhoss xieraq il-quantum ta` Lm 6,000 mela EUR 13,980.*

Fil-konsiderazzjoni tad-danni taht dan il-kap, il-Qorti terga` taghmel riferenza ghall-kostatazzjonijiet fattwali tal-espert mediku. Tirreferi wkoll ghall-konkluzjonijiet tal-espert mediku, kif ukoll ghall-konkluzjonijiet tal-bord dipartimentali ta` inkjesta.

Il-Qorti tirribadixxi li jkun hemm responsabilita` ghal danni civili jrid jirrizulta ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz. Il-fatt kolpuz huwa l-kawza generatrici li jkollha d-dannu bhala l-konsegwenza taghha.

Wara li qieset l-atti b`reqqa nkluz ix-xiehda bil-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta` natura medika din il-Qorti ghandha c-certezza morali sabiex tghid illi l-izball fit-test tal-*blood grouping* li sar waqt l-ewwel tqala tal-attrici kien il-fatt kolpuz li skatta l-effetti dannuzi tieghu waqt it-tieni tqala tal-attrici bil-mewt tal-*foetus* u li baqa` jhalli konsegwenzi negattivi ghall-atturi fit-tielet tqala taghha.

Ghalhekk il-Qorti **<u>tikkondividi</u>** l-fehma tal-perit legali kienet illi "*kieku ma sarx l-izball Mrs Brincat kienet tircievi l-anti-D wara l-ewwel hlas bi probabilita` 99 fil-mija li ma kienx ikun hemm konsegwenzi fit-tieni tqala … Dan kollu, bl-ikbar nuqqas ikun dak dwar Rhesus Incompatibility, wassal ghall-mewt tat-tarbija.*"

**In kwantu ghall-kostatazzjoni tal-perit tekniku dwar il-quantum, il-Qorti <u>tikkondividi u taghmel taghha</u> kemm ir-*raison d`etre* tal-perit legali u kif ukoll il-quantum erogat. Ghalhekk qeghda tillikwida s-somma ta` <u>€13,980</u>.**

## IX. <u>Ir-raba` talba</u>

**L-ghadd tad-danni likwidati favur l-atturi huwa €20,373.78. Il-figura qeghda tkun arrotondata ghall-ammont ta` €20,400 ghall-fini ta` pratticita`.**

**Il-konvenuti ghandhom ihallsu dawn id-danni lill-atturi.**

## X. <u>Il-hames talba attrici u s-seba` eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ; Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha</u>

Is-seba` eccezzjoni tirreferi ghall-hames domanda attrici fejn l-atturi talbu li tinghata ordni sabiex il-konvenuti jirrilaxxjaw kopja ta` l-istorja medika tal-attrici biex din tintuza lokalment u barra minn Malta.

Il-konvenuti laqghu ghal dik it-talba billi rreferu ghall-Art 590(2) u 673(3) tal-Kap 12.

Minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta li l-atturi kienu ghamlu din it-talba fil-mori tal-kawza, ma kienx hemm oggezzjoni, tant li l-istorja medika effettivament inghatat lill-atturi.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri kemm tal-hames talba attrici kif ukoll tas-seba` eccezzjoni.**

**XI. Is-sitt talba attrici u t-tmien eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ; Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha**

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat fit-2 ta` Marzu 2001 (**PA/GC**) fil-kawza "**Gwakkin sive Gino Grech vs Annette Rizzo et**" fejn kien spjegat li peress li ma setax jigi stabbilit liema kienu d-danni attribwibbli lill-konvenuta Mangion noe u liema kienu dawk attribwibbli lill-konvenuta l-ohra, iz-zewg konvenuti kellhom ikunu ritenuti responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-hlas skont l-Art 1050 tal-Kap 16. Il-Qorti hemm ghamlet riferenza ghas-sentenza taghha (**PA/FGC**) tat-3 ta` Novembru 1995 fil-kawza **"Noel Pisani vs Edwin Vella noe et"**.

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-9 ta` Frar 2005 fil-kawza "**Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta p.l.c. et**" fejn inghad :-

*Fil-fehma tat-Tribunal l-attur irnexxielu jipprova li d-danni kagunati lilu kienu konsegwenza ta` negligenza ta` xi wiehed miz-zewg konvenuti jew tat-tnejn f`daqqa izda dawn tal-ahhar ma rnexxilhomx jippruvaw soddisfacentement li l-hsara kienet giet kawzata minhabba n-negligenza ta` wiehed minnhom u mhux taliehor. F`dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li ghandu japplika l-Artikolu 1050 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta liema Artikolu jipprovdi bil-mod segwenti :*

*"Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista` tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista` jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jeddtal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn".*

*Fic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li z-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom jigu dikjarati solidalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b`riserva ghal kwalsisasi dritt spettanti lilhom fil-konfronti ta` xulxin … Ferma din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ma ssibx li kien vizzjat ir-ragonament tat-Tribunal fejn dan irrikorra ghaddispost ta` l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili. B` osservazzjoni generali jrid jinghad li dan id-dispost hu ntiz b` referenza ghall-ipotesi fejn id-dannu medesimu jkun ilkonsegwenza ta` diversi atti minn diversi persuni responsabbli, anke jekk indipendentement minn xulxin, imma li flimkien jikkonkorru ghall-produzzjoni tad-dannu.*

*Jidher li l-iskop fondamentali wara dan il-provvediment hu dak li jsahhah il-garanzija tad-danneggjat billi takkordalu l-fakolta li jazzjoni lil kull wiehed mis-suggetti responsabbli minghajr il-htiega li jippersegwixxi lil kull wiehed ghal kwota tieghu tal-htija. In-norma hi applikabbli wkoll fil-kaz li l-ko-awturi tad-dannu jwiegbu skond titoli diversi u, certament, imbaghad, fil-kaz li ma jkunx jista` jigi accertat, bhal f` dan il-kaz, min ikun effettivament ta lok ghad-dannu.*

*Jikkonsegwi illi ghall-fini tar-responsabilita` solidali l-unicita` tal-fatt dannuz hi relattiva unikament ghad-danneggjat u din il-forma ta` responsabilita` ssehh, "meta l-Qorti tkun fl-impossibilita` li tirrikonoxxi f` liema mizura kull wiehed mill-konvenuti ppartecipa fl-effettwazzjoni talfattdannuz". (**Kollez. Vol. XLIX P II p 703; Vol. XXXIV P II p 518**). Fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal f` dan il-kaz ghamel sewwa li adotta din ir-regola.*

**Tenut kont tal-fatt u cirkostanzi ta` dan il-kaz, billi ma tistax tigi accertata l-kwota ta` responsabbilita` tal-konvenuti, il-Qorti qeghda tichad t-tmien eccezzjoni u tilqa` s-sitt talba attrici fil-konfront tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern ; Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa ; Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali ; Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenut Onorevoli Tabib Vincent Moran stante cessjoni tal-atti tal-kawza fil-konfront tal-istess konvenut fil-mori tal-kawza.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra.**

**Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni fejn l-istess eccezzjoni tirreferi ghall-konvenut Tabib Dr. Alfred Grech u ghalhekk tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Kenneth Grech illi f`ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-Tabib Dr. Alfred Grech.**

**Tichad it-tielet, ir-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.**

**Tichad id-disa` eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.**

**Tilqa` l-ewwel talba tal-atturi kif dedotta kontra l-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.**

**Tiddispondi mit-tieni u mit-tielet talbiet attrici billi tillikwida favur l-atturi danni komplessivi fl-ammont ta` ghoxrin elf u erba` mitt Ewro (€20,400).**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha u tal-hames talba attrici.**

**Tichad it-tmien eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.**

**Tilqa` r-raba` u s-sitt talbiet attrici billi tikkundanna lill-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supaintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha sabiex ihallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi s-somma ta` ghoxrin elf u erba` mitt Ewro (€20,400) in linea ta` danni, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez ta` din il-kawza, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Kenneth Grech illi f`ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-Tabib Dr. Alfred Grech li ghandhom jithallsu mill-atturi, u ghall-ispejjez relattivi ghall-konvenut Onorevoli Tabib Dr. Vincent Moran li ghandhom jibqghu bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Abigail Camilleri**
**Deputat Registratur**